Diċembru 2017 • Vol 24 • Nru.4

# IL-PULIZIJA




**Fil-Paġni ta' ġewwa:**


- Messaġġi t'awguri għall-Milied mill-Ministru Dr. Michael Farrugia, mill-Kummissarju tal-Pulizija u mill-Kap Eżekuttiv lill-Membri tal-Korp
- *Police Counselling Unit* fi ħdan il-Korp tal-Pulizija
- Il-Ġimgħa Ewropea għall-Attività ta' Tnaqqis ta' Skart (EWWR) 2017


Newspaper Post

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

Diċembru 2017 • Vol 24 • Nru. 4

IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp

# WERREJ




Ritratt CMRU


5. Editorjal

6. Messaġġ mill-Ministru għall-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali, Dr Michael Farrugia

8. Messaġġ mill-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur Lawrence Cutajar

11. Messaġġ mill-Kap Eżekuttiv tal-Korp, is-Sur Angelo Gafà

13. Dan l-aħħar...

18. Il-Ġimgħa Ewropea għall-Attività ta' Tnaqqis ta' Skart (EWWR) 2017

22. Membri tal-Korp jieħdu sehem fin-Nofs Maratona ġewwa l-Polonja

24. F'Malta biex jitgħallmu l-Ingliż

26. Sentejn il-vuċi tagħkom

30. Malta Police Association

33. Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija

34 *Police Counselling Unit*

37. Paġna għat-Tfal

38. Kif nirrispondu għal sitwazzjonijiet diffiċli fil-ħajja

40. Korp Proattiv

43. In-Naħla Maestuża

47. Il-Kumitat Sportiv tal-Pulizija

53. Patruni u Protetturi tal-Pulizija

55. International Police Association - Malta

59. Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija

60. Malta Association of Retired Police Officers

62. Obitwarju


13



18



22



43



IL-PULIZIJA

Membri tal-Bord Editorjali:

President: Deputat Kummissarju Mario Spiteri
Editur: WPS 96 Rodienne Bartolo Haidon
Membri: Supretendent Kenneth Haber
WPS 280 Louise Camilleri
WPC 25 Charlene Cilia
WPC 176 Sloune Gatt Fabri

Qari tal-Provi: WPS 3 Joanna Vella
WPC 19 Daniela Sultana

Il-Pulizija tirringrazzja lid-ditti u l-aġenti tar-reklamar li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom.
L-artikli li jidhru f'dan il-magażin ma jirriflettux bilfors l-opinjoni tal-Bord. Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għandha tintbagħat fl-indirizz hawn taħt:

Disinn u riklamar

Ability Publications Ltd.
Tel: 21 241317
27 241345

e-mail: refer@maltanet.net

Stampar
GUTENBERG PRESS

**INTENTIONALLY LEFT BLANK**

# Editorjal

Waslet biex tgħaddi sena oħra minn fuqna u propju sena ilu ktibt l-ewwel editorjal tiegħi f'dan il-magażin. Sena mill-iżjed impenjattiva għall-Korp kollu, b'avvenimenti straordinarji, kemm ippjanati u anke spontanji.

Fit-tlajja' u fl-inżul irnexxielna ngħaddu sena oħra ta' xogħol kbir flimkien. Xi kultant naħsbu li aħna qegħdin hemm biss għall-kritika, għax sfortunatament il-kritika tagħmel iżjed ħoss u bla dubju xi ftit taffettwa l-moral tagħna lkoll. Jien personali permezz tal-paġna ta' *facebook* tal-Korp, għandi l-vantaġġ li ta' kuljum nara ammont ta' tifħir lejn bosta membri tal-Korp u anke messaġġi oħrajn li japprezzaw ix-xogħol inġenerali tagħna u jħossu li għandhom jibagħtulna sempliċiment 'grazzi' jew nota t'apprezzament għax-xogħol li qed nagħmlu.

Nassoċjaw ir-relazzjonijiet pubbliċi mal-uffiċċju tas-CMRU u bir-raġun, għax huwa propju parti mill-isem ta' din is-sezzjoni, iżda meta taqraw iż-żewġ paġni ta' ringrazzjamenti li għandna ppubblikati f'din il-ħarġa tindunaw li t-tisħiħ fir-Relazzjonijet Pubbliċi tal-Korp, qed isir bl-għajnuna ta' kull membru tal-Korp u b'sodisfazzjon ngħid li l-maġġoranza ta' dawn l-apprezzamenti huma indirizzati lejn hekk imsejħa *other ranks*.

Jgħidu li mod wieħed biss hemm biex ma tiġix ikkritikat, jiġifieri li ma tagħmel xejn. Żgur li bħala Pulizija, xogħolna qatt mhu ħa jippermetti li naqgħu taħt din il-kategorija.

F'isem il-bord editorjali kollu nixtiequ nawguraw lil kulħadd il-festi t-tajba, flimkien mal-ħidma t-tajba!

Nota għall-pensjonanti: Infakkar li f'paġna 56 erġajna qed nippubblikaw għall-aħħar darba l-formola li għandkom timlew jekk intom interessati li tibqgħu tirċievu dan il-magażin. Dan l-avviż ma jgħoddx għall-membri li qed iservu fil-Korp u lanqas għal dawk il-pensjonanti li diġà mlew u bagħtulna l-formola li dehret fl-edizzjoni ta' Settembru 2017.

L-Editur

rodienne.bartolo@gov.mt

**INTENTIONALLY LEFT BLANK**

# Messaġġ mill-Ministru għall-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali Dr. Michael Farrugia



Kien ta' pjaċir kbir għalija meta l-Prim Ministru tagħni l-aħbar illi parti mir-responsabbilità tiegħi kienet se tkun il-Korp tal-Pulizija, fi ħdan il-Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali. Din il-proposta lqajtha bil-qalb u fhimt illi dan huwa settur ta' importanza kbira. Fhimt ukoll li wieħed irid imur lejn ċertu bidliet, li l-preparamenti għalihom kienu diġà bdew isiru taħt l-aħħar leġislatura. Fil-fatt, issa trid issir l-implimentazzjoni tagħhom.

Nifhem illi xi individwi jistgħu jħossuhom forsi ddemoralizzati b'ċertu kritika illi qed issir. Jiena nemmen illi l-kritika, wieħed irid jismagħha, jgħarbilha, jifliha u jara kemm hija ġusta; u fejn ikun bżonn jittieħdu l-azzjonijiet kollha neċessarji. Huwa importanti wkoll illi Pulizija mill-ogħla livell sal-Pulizija illi għadhom deħlin bħala rekluti jżommu l-isem tal-Pulizija għoli. Il-Pulizija jridu jaħdmu lejl u nhar biex jaraw illi x-xogħol li huma responsabbli minnu jkun qiegħed isir, jiġi attwat u jkunu miftuħin ukoll għall-bidliet kollha neċessarji.

Wieħed irid jifhem il-bżonn illi jkun hemm aktar Pulizija li jiġu mħarrġa u rekluti li jiġu ngaġġati. Fil-fatt, hemm il-ħsieb li r-reklutaġġ tal-Pulizija jsir b'mod aktar regolari u dan sabiex jiżdiedu r-riżorsi umani u finalment jintlaħqu d-diversi nuqqasijiet ta' uffiċjali tal-Pulizija f'ċerti setturi. Dawn mhux biss ser ikollhom x'jaqsmu mad-distretti, imma anke f'diversi setturi speċjalizzati. Hawnhekk mhux biss se nkunu qed niftħu l-bibien tagħna għar-rekluti l-ġodda, għall-promozzjonijiet li hemm bżonn li jsiru ħalli jimtlew diversi postijiet vakanti, imma ħalli jkun hemm numru ta' uffiċjali pajżana speċjalizzati li jiddaħħlu fil-Korp tal-Pulizija. Aħna nifhmu li qegħdin f'kompetizzjoni ma' setturi oħrajn ġewwa pajjiżna, u għalhekk mhux dejjem faċli li ssib il-persuni professjonali meħtieġa speċjalment fil-qasam tat-teknoloġija tal-informatika, ta' *accountants* u speċjalizzazzjoni oħrajn illi l-Korp għandu bżonn.

Irridu nkunu b'idejna miftuħin u naħsbu b'mentalità kompletament differenti minn kif konna naħdmu sal-bieraħ. Nemmnu wkoll illi hemm bżonn it-twaqqif ta' ċentru ta' informazzjoni fis-settur tal-Pulizija, fejn ikollna persuni li huma mħarrġa fl-arti tal-informazzjoni ħalli huma jwasslu l-messaġġi tagħhom lill-pubbliku inġenerali b'aktar frekwenza, kjarezza, u anke jkun iċ-ċentru ta' komunikazzjoni mal-ġurnalisti. Jien nifhem li l-ġurnalisti jkollhom ċertu għatx għall-informazzjoni u li tajjeb ikun hemm din l-informazzjoni li tiġi mibnija bejn iż-żewġ setturi.

Nemmen ukoll illi hemm bżonn li l-Pulizija jiġu mħarrġa u dan jista' jsir jekk ikun hemm riżorsi umani biżżejjed, fejn ikun hemm uffiċjali li qed jaqdu dmirhom, u fl-istess ħin ikun hemm uffiċjali oħrajn li jingħataw it-taħriġ kollu neċessarju sabiex wieħed iżomm mal-iżviluppi li jkunu għaddejjin.

Ħa nkunu qed nagħmlu wkoll bidliet fl-uniformi tal-Pulizija għax nemmnu li l-Pulizija għandhom ikunu komdi waqt il-qadi ta' dmirijiethom u mhux ikollhom uniformi li ttellifhom fuq ix-xogħol li jkunu qegħdin jagħmlu.

Se tkompli l-ħidma wkoll biex nagħmlu bidliet fl-infrastruttura tal-għases f'diversi lokalitajiet ġewwa pajjiżna u li jkunu jilqgħu mhux biss lill-persuni li jiġu bżonn il-Pulizija, imma anke lill-Pulizija nfushom li jkunu qed jaħdmu f'ambjent li jkun ideali u jirrispetta l-iżviluppi ta' żminijietna. Se naħsbu wkoll biex l-għases ikunu aċċessibbli għal persuni b'diżabilità.

Nemmnu wkoll li l-Pulizija għandhom jingħataw l-għodda kollha meħtieġa. Nafu li l-esperjenza qed turi li għandna apparat fi ħdan il-Korp tal-Pulizija li huwa wieħed avvanzat, imma għandu bżonn isir aktar taħriġ fuqu ħalli s-settur tal-forensika jkompli jissaħħaħ u anke jagħti l-faċilità illi l-Pulizija tkun qiegħda f'pożizzjoni li ssolvi l-kriminalità ġewwa pajjiżna fl-inqas żmien. Irridu nkunu wkoll *on the ground* ħalli mhux biss naħdmu biex jissolvew il-każijiet ta' kriminalità imma nilqgħu kontra l-kriminalità. Nistgħu naħdmu kontra l-kriminalità wkoll billi nwasslu lill-pubbliku inġenerali li jieħu dawk il-prekawzjonijiet neċessarji ħalli jipproteġu lilhom infushom. Għal din ir-raġuni se jkun hemm kampanja kontinwa ta' xi prekawzjonijiet li wieħed jista' jieħu u kif jista' jevita li jispiċċa vittma tal-kriminalità. B'hekk in-numru ta' kriminalità li nnutajna tul dawn l-aħħar xhur li fil-fatt naqas, ikompli jitnaqqas, ħalli l-Pulizija jkomplu jiffukaw fuq kriminalità aktar serja.

Nieħu l-aħħar spunt biex nikkundanna kull att ta' vjolenza illi ssir fuq il-Pulizija. Il-Pulizija qiegħda hemmhekk biex tara li x-xogħol tagħha tagħmlu u wkoll tkun irrispettata. Għal din ir-raġuni qed issir evalwazzjoni biex il-Pulizija jkunu aktar imħarrġa kif jimxu waqt sitwazzjonijiet illi jkunu qegħdin fihom, imma wkoll ikunu protetti legalment, ħalli nnaqqsu dan l-abbuż li qed isir permezz ta' vjolenza fuq il-Pulizija tagħna.

Nagħlaq billi ngħid lill-Korp kollu tal-Pulizija illi għandhom l-appoġġ tiegħi u se jsibuni iebes ma' min ikun qiegħed jabbuża u ma' min ukoll ma jkunx qed jagħmel dmiru, hekk kif wieħed ikun mistenni mis-soċjetà Maltija u Għawdxija.

Nawgura lilkom u lill-familja tagħkom il-festi t-tajba.

---

# INTENTIONALLY LEFT BLANK

# Messaġġ mill-Kummissarju tal-Pulizija Lawrence Cutajar lill-Membri tal-Korp tal-Pulizija

Kollegi,

Jekk Alla jrid għaddiet sena oħra minn fuqna. Sena li fiha tista' tgħid kellna minn kollox. Is-sena 2017 kienet waħda partikolari kemm għall-Korp tal-Pulizija kif ukoll għal pajjiżna. Bdejna Jannar bl-impenji li jġibu magħha l-Presidenza ta' Malta tal-Unjoni Ewropea. Is-sehem tal-Korp tal-Pulizija kien wieħed ferm importanti biex dan l-avveniment ġie u għadda minn fuqna b'suċċess kbir. Barra l-arranġamenti ta' sigurtà, li tista' tgħid baqgħu għaddejjin ma' kull ġurnata tal-Presidenza, ħafna membri tal-Korp kienu wkoll impenjati f'diversi Kumitati ta' suġġetti varji. Għalkemm dan l-avveniment impenja l-Korp għal massimu tiegħu, xorta x-xogħol ta' kuljum baqa' għaddej bir-ritmu tas-soltu. Dan kompla joħroġ il-professjonalità tagħna li tista' tgħid li ġiet imfaħħra minn kulħadd.

Fil-perjodu tal-Presidenza, tal-Unjoni Ewropea, il-Korp kien ukoll impenjat b'Elezzjoni Ġenerali. Anke hawn, mingħajr ebda tlaqliq, nista' ngħid li ħriġna bl-unuri kollha. Dan il-perjodu ma kienx faċli però d-dedikazzjoni u l-professjonalità tal-membri tal-Korp reġgħet spikkat. Għal dan kollu diffiċli nsib kliem biex nirringrazzja lill-membri kollha tal-Korp, mill-kbir saż-żgħir, biex nuri l-apprezzament tiegħi lejkom.

Barra dan kollu, din is-sena nfetħu għadd ta' opportunitajiet għall-membri tal-Korp. Kellna tista' tgħid numru ta' promozzjonijiet f'kull rank. Barra minn hekk, numru kbir ta' pulizija attendew diversi korsijiet kemm Malta kif ukoll barra l-pajjiż biex ikabbru l-ħiliet tagħhom f'diversi oqsma tal-Korp. Sakemm qiegħed nikteb dan il-messaġġ, għaddej reklutaġġ fl-Akkademja tal-Korpi Dixxiplinati u f'nofs Diċembru, il-Korp se jissaħħaħ bi kważi 100 rekluta ġdid.

Barra dan id-demm ġdid fil-Korp, ġew ingaġġati wkoll numru sabiħ ta' Kuntistabblijiet ta' Riżerva li l-esperjenza tagħhom bla dubju se sservi fil-ħidma tal-Korp f'diversi taqsimiet.

Fil-preżent għaddejjin ukoll b'laqgħat mal-awtoritajiet tal-pajjiż biex il-membri tal-Korp ikollhom ftehim settorjali ġdid.



Bla dubju, dan il-ftehim għandu jtejjeb ħafna l-kundizzjonijiet tagħna. Hawnhekk ma nistax ma nirringrazzjax lis-Sur Angelo Gafà, *Chief Executive Officer* tal-Korp, id-Deputat Kummissarju Mario Spiteri u ż-żewġ Unions li jirrappreżentawkom għall-impenn dirett tagħhom biex jintlaħaq ftehim li jkun ta' vantaġġ għal kulħadd.

Din is-sena rat ukoll bosta suċċessi għall-Korp tal-Pulizija fejn tidħol il-ġlieda kontra l-kriminalità. Biex ngħid dak kollu li sar irrid nieħu

aktar minn paġna waħda ta' din ir-rivista. Però tajjeb wieħed jindika li din is-sena kienet waħda rekord fejn jidħol qbid ta' droga u anke ġew imkissra numru ta' gruppi fejn tidħol kriminalità organizzata.

Fuq bażi personali nixtieq nirrimarka li f'Marzu tas-sena d-dieħla nagħlaq 39 sena bħala membru fil-Korp tal-Pulizija. Kienu bla dubju snin li tawni minn kollox. Żminijiet ta' sodisfazzjon u anke mumenti oħra ta' dieqa. Għandi l-unur ngħid li l-ħidma tiegħi fil-Korp tal-Pulizija kienet fir-rankijiet kollha. Forsi għal din ir-raġuni stajt nifhem ċertu problemi tal-membri tal-Korp fejn jidħol ix-xogħol tagħhom u anke fuq bażi personali. Matul dawn is-snin kollha ħdimt ma' amministrazzjonijiet differenti. Għandi s-sodisfazzjon ngħid li f'dawn is-snin ix-xogħol tiegħi kien rikonoxxut b'numru ta' promozzjonijiet u anke b'dekorazzjonijiet oħra għas-servizz tiegħi. Min jafni jista' liberalment jgħid li jiena fuq ix-xogħol dejjem ippruvajt nimxi bl-istess kejl ma' kulħadd u qatt ma kelli problemi minħabba affarijiet estranji mid-doveri tiegħi bħala membru tal-Korp.

Ovvjament ħadd mhu għal dejjem. In-nies jirtiraw u jitilqu imma l-Korp tal-Pulizija jibqa' għaddej bħal ma għamel matul dawn is-snin glorjużi tiegħu. Min-naħa tiegħi sakemm l-ewwel nett tagħtini saħħti u jkolli l-appoġġ tal-familja tiegħi, tal-amministrazzjoni tal-pajjiż u fuq kollox il-fiduċja tagħkom, se nkompli naħdem biex dak li bdejna flimkien inkompluh u nkomplu nsaħħuħ.

Fl-aħħar nett, nixtieq nieħu din l-opportunità biex nawgura lill-membri tal-Korp kollha u l-familji tagħhom Milied Ħieni u Sena Ġdida mimlija ġid, saħħa u suċċess.

Lawrence Cutajar
Kummissarju

# INTENTIONALLY LEFT BLANK

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

# Messaġġ mill-Kap Eżekuttiv tal-Korp is-Sur Angelo Gafà

Għeżież kollegi,

Huwa ta' unur kbir għalija li nindirizzakom f'dan l-ewwel messaġġ tiegħi mindu bdejt naqdi d-dmirijiet tiegħi fil-kariga ta' Kap Eżekuttiv sa mill-bidu ta' din is-sena. Bħalma persważ li tafu, id-doveri tiegħi huma prinċiparjament amministrattivi sabiex b'hekk il-Kummissarju tal-Pulizija jkun jista' jiddedika aktar ħin għal materji purament polizjeski.



Sa minn meta assumejt dan l-inkarigu, jien u l-membri fl-uffiċċju tiegħi tlaqna fuq missjoni ta' bidla, liema bidla kienet dejjem intenzjonata sabiex ittejjeb l-operat ta' dan il-Korp filwaqt li l-pubbliku, li fl-aħħar mill-aħħar qed jiffinanzja dan l-operat, jirċievi servizz ta' kwalità għolja kif jixraq. Il-ħsieb prinċipali tagħna huwa li dak li kien jiffunzjona għoxrin sena ilu mhux neċessarjament għadu validu għall-ġurnata tal-lum. Qed ngħixu f'dinja globalizzata fejn qed isir tibdil b'mod l-aktar mgħaġġel u għaldaqstant aħna rridu nkunu kapaċi nlaħħqu ma' dan it-tibdil għalkemm preferibbilment għandna nkunu pass qablu.

Għaldaqstant wara li fl-2015 il-Ministeru tal-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali kien ikkummissjona stħarriġ fost il-membri tal-Korp tal-Pulizija, sa mill-bidu ta' din is-sena bdejna nimplimentaw diversi mill-proposti indikati minnkom stess f'dak il-kwestjonarju. Dan filwaqt li bħalissa qed naħdmu sabiex tiġi fformulata u implimentata strateġija għall-Korp tal-Pulizija aktar effettiv fl-operat tiegħu.

Wieħed mill-ewwel passi żgħar imma sinifikanti li addottajna fil-bidu ta' din is-sena kien li l-komunikazzjoni interna tibda ssir b'mod elettroniku. B'hekk, filwaqt li bdejna nkunu aktar effiċjenti, bdejna wkoll naċċertaw li l-messaġġ jasal għand kull membru tal-Korp b'mod immedjat. Bidla kruċjali li qegħdin nimplimentaw tirrigwarda l-kunċett ta' *civilianisation* fejn il-Korp tal-Pulizija qed jirrikonoxxi l-ħtieġa ta' ingaġġ ta' nies professjonisti sabiex jikkumplimentaw l-abbiltajiet tal-membri tal-Korp.

Dan il-kunċett diġà beda jitħaddem f'xi oqsma tal-Korp u fil-jiem u x-xhur li ġejjin għandu jiġi estiż għal dipartimenti oħra. Fl-istess waqt qed nistudjaw il-possibilità li ċertu operat tal-Korp jibda jitwettaq minn uffiċjali pajżana. B'dan il-mod il-Korp ikollu għad-dispożizzjoni tiegħu aktar uffiċjali sabiex, b'mod partikolari, tiżdied il-preżenza tal-Pulizija fil-komunità u b'hekk inkunu strumentali fil-prevenzjoni tal-kriminalità.

Fiż-żmien illi ġej ser inkomplu bi proġett ta' rinovar tal-għases distrettwali u ser inkomplu napplikaw il-prinċipju ta' *corporate branding* sabiex b'hekk inkunu qed nagħtu dehra aktar professjonali u distintiva tas-servizz tagħna. Apparti t-titjib tal-ambjent li naħdmu fih, tul dan il-perjodu uffiċjalizzajna s-servizz ta' *counselling* lill-membri tal-Korp filwaqt li bħalissa għaddejjin b'konsultazzjonijiet estensivi sabiex, jekk Alla jrid, fis-sena li ser nibdew niffinalizzaw ftehim settorjali ġdid għall-membri tal-Korp intiż li jtejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol, partikolarment titjib finanzjarju.

Fl-istess waqt qegħdin kontinwament naħdmu biex lill-membri tal-Korp natrezzawhom b'tagħmir tal-ogħla kwalità. Għaldaqstant, bħalissa qed naħdmu fuq diversi proġetti kofinanzjati minn fondi Ewropej li jlaħħqu l-ħdax-il miljun ewro (€11m). Fost oħrajn, b'dawn il-fondi ser inkunu qed nakkwistaw ilbies protettiv għall-Pulizija, kif ukoll apparat għall-Iskwadra ta' Kontra t-Terroriżmu, għas-*Cyber Crime Unit* u anke s-Sezzjonijiet tal-ICT u l-Forensika. Żewġ proġetti maġġuri li għandna ppjanati għas-sena li ġejja huma l-bini ta' *Command & Control Room* ġdida kif ukoll il-bini ta' Għassa tal-Pulizija f'Marsaskala bil-għan li nkunu ta' servizz aħjar għall-poplu Malti u Għawdxi.

Bħalissa għaddejjin ukoll bi studji dwar il-possibilità ta' twaqqif ta' *hubs* reġjonali kif ukoll dwar is-separazzjoni bejn il-poteri ta' investigazzjoni u prosekuzzjoni sabiex b'hekk uffiċjali tal-Korp, partikolarment uffiċjali investigattivi, ikollhom aktar ħin x'jiddedikaw għall-investigazzjonijiet u anqas ħin fil-bini tal-Qorti.

Huwa normali li l-bidla ġġib magħha ċertu biża' u inċertezzi għax mhux faċli li wieħed ibiddel prattiċi li jkunu ilhom fis-seħħ għal snin twal. Persważ però li b'komunikazzjoni u b'rieda tajba, ser jirnexxilna nkomplu ntejbu l-operat tal-Korp tal-Pulizija sabiex ikun jidher istituzzjoni prinċipali u rilevanti għal pajjiżna kif tassew hu.

Nagħlaq billi nawgura lil kull wieħed u waħda minnkom u lill-għeżież tagħkom il-Milied u s-Sena t-Tajba mimlijin b'dak kollu li tixtieq qalbkom, fuq kollox il-paċi.

# INTENTIONALLY LEFT BLANK

# Dan l-aħħar...

minn WPC 25 Charlene Cilia - CMRU

Bħalissa ġewwa l-Akkademja tal-Korpi Dixxiplinati għaddej reklutaġġ fejn 97 żagħżugħ u żagħżugħa qegħdin jitħarrġu sabiex jingħaqdu mal-Korp tal-Pulizija. U proprju nhar id-19 ta' Settembru 2017, il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali Dr Michael Farrugia flimkien mal-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Lawrence Cutajar żaru lir-rekluti sabiex permezz ta' diskors qasir jagħmlulhom kuraġġ u jifirħulhom tal-għażla li għamlu.

Fil-fatt il-Ministru Farrugia f'diskors indirizzat lir-rekluti wegħedhom li bħala Ministru ħa jara li l-Korp tal-Pulizija jagħraf jibqa' jimxi 'l quddiem. Huwa spjega li bħalissa għaddejjin diskussjonijiet fuq l-uniformi tal-Pulizija, kif din tista' tkun iktar prattika u komda. Semma li qed jiġu diskussi wkoll ir-rekwiżiti neċessarji sabiex wieħed ikun jista' japplika biex jingħaqad mal-Korp. Dan dejjem sabiex il-Korp jimxi aktar 'il quddiem anki rigward mentalità.

Il-Ministru awguralhom sabiex itemmu l-kors b'suċċess u inkuraġġihom sabiex meta jkunu fuq il-post tax-xogħol jagħrfu jaqdu dmirhom tajjeb lejn iċ-ċittadin.




Il-Kummissarju min-naħa tiegħu fetaħ id-diskors billi spjega lir-rekluti li huwa jara x-xogħol tal-Pulizija mhux komuni bħal kull xogħol ieħor imma bħala missjoni ġdida fil-ħajja.

Huwa qal li meta beda l-karriera tiegħu, madwar 40 sena ilu, ma kienx hawn l-għodda u lanqas it-tagħrif u t-tagħlim li hawn il-lum. Il-Kummissarju qal li qabel, wieħed kien jieħu l-uniformi u jitlaq 'il barra fit-triq. Huwa sostna li għalhekk huwa importanti li r-rekluti filwaqt li japprezzaw it-tagħlim li bħalissa qegħdin jieħdu, meta jilħqu Pulizija jagħmlu użu tajjeb mill-esperjenzi prattiċi li ħa jiltaqgħu magħhom.

Is-Sur Cutajar spjega kif il-Korp huwa wkoll fond ta' opportunitajiet fejn minbarra li tikber fil-karattru tista' tavvanza anki bħala karriera. Filwaqt li awguralhom sabiex dak li huma bdew ikompluh sal-aħħar u jemmnu fih, fakkarhom li għal kull problema li jistgħu jiltaqgħu magħha kemm fuq xogħol u anki personali, il-bieb tiegħu huwa dejjem miftuħ.

---




Il-Korp tal-Pulizija kontinwament jiġi mistieden sabiex jipparteċipa u anki jagħti taħdidiet rigward il-karriera fil-Korp tal-Pulizija. L-iktar komuni huma l-iskejjel sekondarji li jorganizzaw ġurnata ta' attivitajiet marbuta ma' diversi karrieri li l-istudenti jistgħu jagħżlu meta jaslu *Form 5* u jkunu ħa jpoġġu għall-eżamijiet tal-livell ordinarju.

Però din is-sena u għall-ewwel darba, il-Korp tal-Pulizija attenda għall-*Freshers Week* li ssir ġewwa l-Università ta' Malta. Kuljum bejn it-2 t'Ottubru u s-6 t'Ottubru 2017, il-Pulizija kienet armata bi *stand* fejn diversi studenti universitarji talbu informazzjoni fuq dak li toffri l-Università fejn jidħol il-Korp tal-Pulizija. L-Uffiċjali tagħna kellhom attendenza tajba mill-istudenti li wrew interess kbir.

Fis-6 t'Ottubru 2017, ġewwa l-*Officers Mess* fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, il-Korp issaħħaħ b'37 spettur ġdid li minnhom 11 huma nisa.

Għal din iċ-ċerimonja kienu preżenti l-Ministru tal-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali Dr Michael Farrugia, il-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Lawrence Cutajar u l-Kap Eżekuttiv tal-Korp is-Sur Angelo Gafà fost diversi uffiċjali għolja fi ħdan il-Korp.

Il-Ministru fid-diskors tiegħu insista dwar il-bżonn li l-ispetturi jkunu aktar iffukati fuq xogħolhom. Filwaqt li ferħilhom għas-suċċess li kisbu, ħeġġiġhom biex ikomplu jistinkaw u jaqdu dmirijiethom b'lealtà u fl-interess tal-poplu.

Il-Kummissarju awguralhom għal din il-missjoni ġdida fil-ħajja tagħhom u semma' kif il-kariga ta' spettur hija kariga ta' nostalġija għalih għax serva f'dil-kariga għal 16-il sena sħaħ li kienet l-itwal kariga li serva fiha fil-Korp.

Is-Sur Cutajar irrefera għal din il-kariga bħala l-pedament tal-Korp u għamel aċċenn għal dawk li se jservu fid-distretti u serħilhom rashom li l-irwol tagħhom huwa apprezzat daqs kwalunkwe spettur ieħor u ħeġġiġhom biex fid-distrett iservu dmirhom man-nies.



Nhar il-5 ta' Novembru 2017, bħal kull sena, sellimna lil sħabna kollegi fil-Korp li ħallewna għall-ħajja ta' dejjem. Il-quddiesa kienet ikkonċelebrata mill-Kappillan tal-Korp, Fr Raymond Bonniċi OFM ġewwa l-kappella taċ-ċimiterju Marija Addolorata fejn għaliha attendew kemm il-Ministru Dr Michael Farrugia, is-Sur Lawrence Cutajar, Kummissarju tal-Pulizija, il-Kap Eżekuttiv tal-Korp is-Sur Angelo Gafà u diversi uffiċjali oħra tal-Korp.



INTENTIONALLY
LEFT BLANK

**INTENTIONALLY LEFT BLANK**

Wara l-quddies saret ċelebrazzjoni qasira fuq il-qabar tal-Pulizija bil-parteċipazzjoni tal-Gwardja tal-Unur akkumpanjata mill-Banda tal-Korp tal-Pulizija. Hemmhekk tpoġġew fjuri bħala turija ta' rispett lejn dawk il-kollegi li m'għadhomx magħna. Attendew ukoll għal din iċ-ċelebrazzjoni annwali l-familjari li l-qraba tagħhom kienu jagħmlu parti mill-Korp u li llum jinsabu midfuna fil-qabar tal-Pulizija.



---

Ġewwa l-uffiċċju tal-Kummissarju tal-Pulizija, seba' eks membri tal-Korp tal-Pulizija reġgħu daħlu lura fil-Korp b'effett mill-20 ta' Novembru 2017. Il-membri li ħadu l-ġurament tal-ħatra huma: SM1453 Brian Scicluna, WPS77 Carmen Cauchi Gili, WPC22 Mariella Mifsud, WPC32 Marie Louise Abo Shamala, WPC174 Doreen Abela, WPC165 Mariella Zahra u PC468 Michael Zammit.
Il-Kummissarju feraħ u awgura l-ħidma t-tajba lil dawn il-membri.



---

Fit-23 ta' Novembru 2017, il-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Lawrence Cutajar, flimkien mal-Kap Eżekuttiv tal-Korp is-Sur Angelo Gafà laqgħu lill-Ministru tal-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali Dr Michael Farrugia għal żjara li għoġbu jagħmel ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija.



Waqt din iż-żjara l-Ministru kellu l-opportunità li jżur l-uffiċini kollha li jinsabu fil-binja prinċipali tal-Kwartieri, flimkien mad-Dipartiment tal-Investigazzjonijiet Kriminali, is-sezzjoni tal-Forensika u s-sezzjoni tal-IT fost oħrajn u anke josserva x-xogħol li jkun għaddej ta' kuljum f'dawn il-postijiet. Il-Ministru rringrazzja lill-Pulizija kollha tax-xogħol li qegħdin jagħmlu.

Fl-aħħar tal-attività, il-Kummissarju ppreżenta tifkira tal-okkażjoni lill-Ministru u rringrazzjah tal-appoġġ u l-kooperazzjoni li l-Korp kollhu qed isib mingħandu.



magazine.police@gov.mt

# Il-Ġimgħa Ewropea għall-Attività ta' Tnaqqis ta' Skart (EWWR) 2017

Mill-Ispettur Colin Sheldon - ALE

Wara li l-Ministeru tal-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali rċieva l-invit mingħand il-kumpanija Wasteserv sabiex is-Servizz Pubbliku jipparteċipa fil-Ġimgħa Ewropea għall-Attività ta' Tnaqqis ta' Skart (EWWR) 2017, il-Korp tal-Pulizija flimkien mal-Akkademja tal-Forzi Dixxiplinati u l-Faċilità Korrettiva ta' Kordin irrispondew għal din is-sejħa u ħejjew żewġ attivitajiet bħala parteċipazzjoni f'din l-inizjattiva ta' dmirijiet ċiviċi sabiex jiġi ssalvagwardjat l-ambjent kemm tagħna kif ukoll tal-ġenerazzjonijiet futuri.

Fl-20 ta' Novembru 2017 twaqqfet attività ta' ġbir ta' ħwejjeġ ġewwa l-Akkademja tal-Korpi Dixxiplinati, fejn rekluti tal-Pulizija u Uffiċjali Korrettivi ġabru ħwejjeġ użati sabiex persuni fil-bżonn ikunu jistgħu jibbenefikaw minnhom u jużawhom mill-ġdid. Skip għal din l-attività ġie pprovdut minn Electrowaste Malta Ltd u preżenti kien hemm rappreżentanti min-naħa tal-Wasteserv, li huma l-moħħ wara din l-inizjattiva Ewropea f'Malta.

Fotografi tal-Korp tal-Pulizija, tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin u tal-Wasteserv ħadu xi ritratti u filmati ta' din l-inizjattiva li r-rekluti pparteċipaw bi ħġarhom għaliha u pprovdew ammont sostanzjali ta' ħwejjeġ sabiex din l-attività kienet ta' suċċess.

Fil-25 ta' Novembru 2017 saret it-tieni inizjattiva relatata mal-Ġimgħa Ewropea għall-Attività ta' Tnaqqis ta' Skart (EWWR) 2017 organizzata b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali tal-Imqabba bil-parteċipazzjoni tar-rekluti tal-Pulizija u tal-Uffiċjali Korrettivi u bosta volontiera oħra li jirrappreżentaw l-Akkademja tal-Forzi Dixxiplinati u l-Faċilità Korrettiva ta' Kordin.

Il-kontinġent iltaqa' l-Akkademja tal-Forzi Dixxiplinati minn fejn ġie organizzat trasport għal fejn il-Knisja ta' Santa Marija l-Imqabba, fejn iltqajna ma' rappreżentant tal-Kunsill li pprovda boroż tar-riċiklaġġ sabiex l-iskart ikun separat. In-numru sabiħ ta' parteċipanti nqasmu f'erba' gruppi peress li ġew identifikati erba' żoni fl-Imqabba fejn ried isir eżerċizzju ta' tindif u ta' separazzjoni ta' skart bejn id-9:00am u nofsinhar. Kull grupp kien immexxi minn rappreżentanti kemm tal-Akkademja kif ukoll tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin. L-Ispettur tal-Pulizija Colin Sheldon, bħala l-*Green Leader* tal-Korp tal-Pulizija, kien inkarigat mill-provista ta' għodda neċessarja għat-tindif, provista ta' ilma għall-parteċipanti, il-koordinazzjoni tal-gruppi u r-ritratti li ġew meħuda tul l-eżerċizzju.

L-eżerċizzju beda miexi ġmielu hekk kif ir-rekluti bdew in-addfu l-postijiet b'ritmu tajjeb. L-iskart miġbur kien varju u s-separazzjoni bdiet issir f'boroż differenti sabiex hekk kif intemm it-tindif, l-iskart kollu ġie separat fil-*Bring in Sites* li pprovdew il-Kunsill f'diversi postijiet madwar il-lokalità.

Il-kontinġent reġa' ltaqa' fejn il-knisja sabiex minn hemm saret *Route March* lejn l-Akkademja tal-Forzi Dixxiplinati. Kien ukoll meħud filmat mit-taqsima tal-Forensika permezz tad-*drone* tal-parteċipanti mexjin lejn l-Akkademja. Ritratt tal-kontinġent kien miġbud ġewwa l-Akkademja bħala tifkira tal-impenn kollaborattiv li għamlu l-parteċipanti kollha.

Nixtieq nirringrazzja lill-Ministeru tal-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali tal-fiduċja li wera fil-Korp tal-Pulizija, fl-Akkademja tal-Forzi Dixxiplinati u l-Faċilità Korrettiva ta' Kordin sabiex dawn l-attivitajiet setgħu jsiru b'responsabbiltà



INTENTIONALLY
LEFT BLANK

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

min-naħa tagħna. Nixtieq nirringrazzja wkoll lill-Kmandant tal-Akkademja tal-Forzi Dixxiplinati, is-Sur Joseph Cachia li pprovda l-post fejn l-attività tal-20 ta' Novembru 2017 setgħet issir u tal-arranġamenti li għamel sabiex iż-żewġ attivitajiet



setgħu jseħħu. Nirringrazzja wkoll lir-Reġistratur tal-Akkademja tal-Forzi Dixxiplinati s-Sur Charles Dimech u lill-*Assistant Correctional Manager* is-Sinjorina Stephanie Galea tal-appoġġ tagħhom tul il-loġistika li kienet meħtieġa sabiex l-attivitajiet setgħu jkunu ta' suċċess. Nixtieq nirringrazzja wkoll lis-Sinjorina Xanthe Schembri u voluntiera oħrajn li pparteċipaw għall-attivitajiet u taw is-sostenn tagħhom. Nixtieq inrodd ħajr lill-Wasteserv, lill-Electrowaste Malta Ltd u l-Kunsill Lokali tal-Imqabba tas-sostenn kontinwu tagħhom.





L-aħħar u mhux l-inqas ringrazzjament imur lir-rekluti kollha li volontarjament ipparteċipaw bi ħġarhom u li mingħajr l-għajnuna tagħhom din il-kontribuzzjoni tagħna lkoll ma kinitx isseħħ u ngħarrafhom li aħna kburin bl-impenn altruwist tagħhom sabiex jagħmlu differenza fil-ħajja ta' ħaddieħor, jissalvagwardjaw l-ambjent u jkunu ta' eżempju għall-oħrajn.

colin.sheldon@gov.mt



# Membri tal-Korp jieħdu sehem fin-Nofs Maratona ġewwa l-Polonja

minn PC 376 Andrew Grech

Suċċess għat-tim ta' atleti Maltin li rrappreżentaw il-Korp tal-Pulizija ta' Malta fin-Nofs Maratona tal-Polonja. Din il-maratona hi sinonima għal kategorija partikolari ta' Uffiċjali tal-Pulizija minn madwar l-Ewropa.

L-atleti Maltin li ġrew f'din il-maratona kienu PC 376 Andrew Grech, PS 1579 Johann Mifsud u PC 37 David Bezzina.

Andrew Grech daħal l-ewwel fost il-150 Uffiċjal tal-Pulizija Ewropej, l-ewwel fil-kategorija ta' iżjed minn 35 sena u fit-13-il post *overall*, fejn b'kollox kienu 3,600 atleta li pparteċipaw fil-*Philips Pila Marathon*.




It-tim tal-Pulizija kklassifika fir-raba' post *overall* bħala tim.

magazine.police@gov.mt

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

**INTENTIONALLY LEFT BLANK**

# F'Malta biex jitgħallmu l-Ingliż

minn Xanthe Schembri – Akkademja tal-Forzi Dixxiplinati

F'Ottubru li għadda, preċiżament bejn it-2 u l-20 ta' Ottubru 2017, il-Pulizija ta' Malta flimkien mal-Akkademja tal-Forzi Dixxiplinati u d-Dipartiment tal-Ingliż ġewwa l-Università ta' Malta mexxew kors tal-Ingliż. Din l-attività ta' tliet ġimgħat kienet waħda organizzata mis-*CEPOL* bl-isem ta' *Language development – Instruments and systems of European Police Cooperation*. L-għan ta' dan il-kors kien li jlaqqa' uffiċjali tal-Pulizija mlaħħqin minn madwar l-Ewropa bl-iskop li jkun hemm żieda fl-abbiltà tal-lingwa Ingliża b'termini tekniċi fil-qasam tal-infurzar tal-liġi, biex b'hekk titjieb il-komunikazzjoni globali b'mod effettiv. Bis-saħħa ta' dan, jiżdied iċ-ċans li l-Pulizija Ewropea tħaddan komunikazzjoni ċivili u speċifika fejn jidħlu kunċetti ta' liġi bejn dak li jikkonċerna kull pajjiż differenti, il-fruntieri ġeografiċi u l-kooperazzjoni internazjonali.

F'dawn it-tliet ġimgħat, Malta laqgħet 27 parteċipant minn 22 pajjiż madwar l-Ewropa kollha. Din il-varjetà ta' pajjiżi żiedet fil-valur ta' dan il-kors speċjalment fuq il-qasam ta' kooperazzjoni transkonfinali u n-netwerk li tant tikkonċerna kollaborazzjoni bejn il-Membri Stati Ewropej.

F'dan il-kors li nfetaħ mid-Deputat Kummissarju Mario Spiteri bħala l-Kap tal-Unità Nazzjonali tas-CEPOL f'Malta, ħadu sehem żewġ professjonisti fil-lingwa Ingliża li ddedikaw ħafna mill-ħin iħarrġu lil dawn l-uffiċjali u b'tagħlim varju biex jikkontribwixxu għal għan ewlieni. Kemm is-Sa Larissa Attard u s-Sa Jeanette Theuma preparaw kontenut xieraq, li nfatti ħafna mill-parteċipanti sabu interessanti ferm u ta' kwalità akkademika kbira. Fost oħrajn, ħadu sehem ukoll Dr Mary Muscat u l-Ispettur Timothy Zammit, bl-iskop li jrawmu wkoll iktar informazzjoni fejn jidħol il-qasam tal-Pulizija u l-protezzjoni meħtieġa fuq l-informazzjoni hekk kif tiġi mxerrda bejn il-Pulizija internazzjonali kif ukoll fuq siti soċjali. L-ispettur, infatti kompla jisħaq fuq dan billi daħal f'iktar dettal fuq *cybercrime* u sorsi oħra intelliġenti biżżejjed fuq livell ta' skoperta meħtieġa.




Xi aspetti oħra li l-parteċipanti sabu interessanti u utli kien li żaru l-uffiċini tal-Pulizija fil-Floriana, fejn hemm kellhom l-opportunità jiltaqgħu ma' kollegi Maltin li jaħdmu fil-qasam tat-teknoloġija lokali u dak li jgħaqqadna mal-pajjiżi l-oħra. Kellhom iċ-ċans ukoll li jitkellmu ma' membri tal-Korp li jaħdmu fil-*Europol, Interpol* u *SIRENe*. Apparti l-interess ġenwin



li ntwera, kull parteċipant seta' juża dak li tgħallem biex jikkomunika u jifhem aħjar dak li kien qed jintqal. Post ieħor li żaru waqt dawn it-tliet ġimgħat kien il-*European Asylum Support Office* f'Malta (EASO), fejn hawn ukoll intwera interess kbir għal dak li ġie spjegat, speċjalment meta x-xogħol ta' kooperazzjoni internazzjonali kien jikkonċerna kull pajjiż membru preżenti waqt dan il-kors.

Minkejja li dan kien kemmxejn kors twil u sinjur ħafna fil-qasam tat-tagħlim tal-lingwa Ingliża, l-esperjenza kienet waħda pożittiva u li marret lil hinn minn dak li aħna stennejna. Kien hemm għaqda impekkabbli hekk kif xieraq u mistenni bejn kull parteċipant. Infatti wieħed mill-parteċipanti semma li "Xi mkien taħt is-sema Maltija, kemm jekk xemx jew xita, il-motivazzjoni qatt ma spiċċat fix-xejn". Kienet esperjenza effettiva kemm mill-qasam ta' edukazzjoni provduta u anki għal kooperazzjoni maħluqa ta' bejniethom. Wara kollox, mill-bidu sal-aħħar ġurnata ta' dan il-kors, l-Ingliż ta' kull wieħed u waħda preżenti tjieb fuq livell għoli, l-istess bħall-ħbiberija u l-ħin li investew flimkien sakemm damu f'pajjiżna.

Dawn huma wħud mill-kummenti tal-parteċipanti li rċievejna:

"Kelli ċ-ċans li ntejjeb l-Ingliż fuq aspett orali u li niltaqa' ma' kollegi ġodda li jaf naħdem magħhom xi darba jew oħra"



"Li nitkellem ma' grupp ta' nies b'lingwa li jien ħsibt li ma tantx jien tajjeb fiha u nirrelata ma' kollegi minn pajjiżi differenti, b'aċċenti differenti"

"Esperjenza li għoġbitni!"

xanthe.schembri@gov.mt

# INTENTIONALLY LEFT BLANK

# Sentejn il-vuċi tagħkom

minn PS 612 Theo Vella – Viċi President POU-GWU

Wara li fi Frar tal-2015 daħal id-dritt li kull membru tal-Korpi Dixxiplinati seta' jissieħeb fi trejd unjin tal-għażla tiegħu, kellna mill-ewwel nibdew infasslu pjan sabiex il-membri tal-Korp tal-Pulizija minn rajhom ifittxu li jissieħbu mal-POU-GWU. Konna nafu li ser ikun hemm min ser iħares lejn id-dritt tal-unjin fil-Korp bħala xi ħaġa rivoluzzjonarja u li konna se nsibu reżistenza fil-mentalità, kemm tal-ħaddiema, kif ukoll tal-amministrazzjoni. Niftakar meta ġejt avviċinat mill-Ispettur Sandro Camilleri sabiex ngħinu jsib total ta' sebà (7) min-nies biex niffurmaw kumitat. Kull min tistaqsi kien jgħidlek, 'nidħol membru, iżda mhux fil-kumitat'. Ma kienx il-ħsieb tiegħi li ninvolvi ruħi bi sħiħ fit-trejdunjoniżmu għax suppost kelli nagħti daqqa t'id biss peress li mill-bidu nett kont nemmen f'dan il-proġett, ċioè li jkollna trejd unjin indipendenti, iżda affiljata mal-akbar trejd unjin fil-pajjiż, il-GWU. Min isegwi xi ftit l-istorja, jaf kemm il-GWU kienet importanti fil-pajjiż sabiex il-livell tal-ħaddiema għola tul is-snin. Għaldaqstant ħassejt li din kienet opportunità biex nagħti s-sehem tiegħi fi ħdan il-POU-GWU.

Wara li ġew identifikati s-sebà (7) membri li kienu lesti jiffurmaw parti mill-kumitat ċentrali tal-POU-GWU konna f'pożizzjoni li niffinalizzaw l-istatut li kien fassal il-President tal-unjin, l-Ispettur Sandro Camilleri. Dawn is-sebà (7) persuni huma l-ewwel membri tal-unjin u għaldaqstant huma l-fundaturi tal-POU-GWU. Ftit qabel daħal id-dritt li nissieħbu fi trejd unjin tal-għażla tagħna, konna bdejna nqassmu formoli għal dawk li volontarjament xtaqu jkunu membri prospettivi. Konna sibna reżistenza mill-amministrazzjoni tal-Korp ta' dakinhar u peress li kienet ħarġet ċirkulari li ħadd ma jista' jissieħeb fi trejd unjin sakemm tgħaddi l-liġi, kellna nwaqqfu ħesrem dan il-proċess. Niftakar ukoll li fost l-ewwel kritika li kellna minn dawk li xtaqu li dan il-proġett t'affiljazzjoni mal-GWU ma jirnexxix, kienet li dan il-kumitat ma jirrappreżenta lil ħadd għax mhux elett, kritika li malli tismagħha tista' tinstema' ġustifikata. Nammetti li anke jien għall-bidu ħassejtni ftit skomdu b'din il-kritika, iżda wara li tkun infurmat kif ġew imwaqqfa organizzazzjonijiet, partiti jew kwalunkwe għaqda oħra, tifhem li ebda fundatur mhuwa elett.

Fit-trejdunjoniżmu trid tagħraf tisma' sewwa dak li qed jgħidu l-ħaddiema li mhux neċessarjament dejjem ikollhom raġun, iżda fejn ma jkollhomx raġun irid ikollok il-kapaċità u l-kuraġġ li tispjega u turi bil-fatti għaliex m'għandhomx raġun. Ostaklu ieħor li sibna fil-bidu tat-twaqqif tagħna kienet il-politika partiġġjana. Fost l-għidut li kien hawn, peress li l-GWU fil-passat kienet attiva politikament, saħansitra kienet tkun preżenti fil-laqgħat tal-kabinett, kien hemm min beda jgħid li aħna ma konniex ser nikkritikaw lill-gvern tal-ġurnata. Bħalma ħafna minnkom tafu, l-ewwel kwistjoni li kellna kienet marbuta mal-Fond Ġenerali tal-Pulizija. Fost l-ilmenti li kien hawn, ħafna membri tal-Korp bdew jistaqsuna fejn qed imorru l-flus u jekk hemmx awditjar tagħhom. Wara li pruvajna niksbu informazzjoni mill-amministrazzjoni tal-Korp u ma ġejna mogħtija l-ebda sodisfazzjon, kellna nistaqsu direttament lill-uffiċċju tal-Awditur Ġenerali jekk tali awditjar kienx isir u dan peress li skont il-liġi huwa l-Awditur Ġenerali li għandu jagħmel il-verifika tal-awditjar. L-attitudni tal-amministrazzjoni tal-Korp fil-bidu kienet waħda konfrontattiva u fil-fatt ir-risposti li konna nirċievu meta nibagħtu xi korrispondenza kienu jkunu injorati, vagi jew xotti, bħal 'din materja amministrattiva', bħallikieku d-deċiżjonijiet amministrattivi ma jkollhomx impatt fuq il-ħaddiema.

Malli kellna l-konferma mill-uffiċċju tal-Awditur Ġenerali nnifsu li dan il-fond ma kienx qed jiġi amministrat skont il-liġi, ma qadniex inkaxkru saqajna biex nagħtu direttiva lill-membri tagħna sabiex ma jħallsux il-kontribuzzjoni obbligatorja ta' kull tliet xhur. Minkejja li konna nafu li bħala Korp dixxiplinat il-liġi ma tagħtix poter ta' azzjonijiet industrijali, konna nafu x'qed nagħmlu. Ħadna żewġ fatturi inkonsiderazzjoni meta tajna dik id-direttiva, l-ewwel li din id-direttiva b'ebda mod mhu se jkollha effett fuq is-sigurtà nazzjonali u t-tieni li l-amministrazzjoni tal-Korp ta' dakinhar ma kinitx f'pożizzjoni tieħu azzjoni, la xi passi legali fil-konfront tal-unjin u lanqas passi dixxiplinarji fil-konfront tal-membri tagħna peress li tul is-snin, kienet l-amministrazzjoni tal-Korp stess li qed tikser il-liġi kif kienet tamministra dan il-fond. Eventwalment, kellha tkun l-amministrazzjoni li titlob lill-unjin biex niltaqgħu madwar il-mejda biex tibda tiġi riżolta din il-kwistjoni. Il-messaġġ li wassalna kien ċar, li ebda arroganza mhu se twaqqafna milli nieħdu l-azzjonijiet neċessarji jekk ikun meħtieġ. Jekk kien hemm xi dubju li bħala unjin se noqogħdu lura mill-gvern tal-ġurnata, dan id-dubju spiċċa wkoll. Dwar dan l-awditjar ta' dan il-fond onestament niskanta kif

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

qatt u ħadd tul iż-żmien ma kellu l-kuraġġ jistaqsi jekk kienx amministrat skont il-liġi.

Ta' min isemmi li malli daħal fil-kariga ta' Kummissarju, is-Sur Lawrence Cutajar, inbidel kompletament ix-xenarju. L-ewwel m'għamel iltaqa' maż-żewġ unjins ewlenin flimkien, fehem mill-ewwel it-talbiet tagħna dwar il-fond ġenerali u beda jimplimentahom, laqa' t-talbiet tagħna għal tibdil fix-xiftijiet f'diversi postijiet li hemm qbil bejn il-ħaddiema u m'hemm ebda impatt negattiv fuq il-pubbliku, bdew jiġu installati ammont ta' *sentry boxes* b'arja kundizzjonata u sal-lum ġew installati aktar minn 70 arja kundizzjonata f'diversi postijiet.

Anke qabel iż-żewġ unjins ippreżentajna l-proposti għal ftehim settorjali ġdid, konna ltqajna mal-Kummissarju Cutajar sabiex fejn possibbli jidħlu proposti li jkollhom l-appoġġ anke tal-amministrazzjoni. Dan il-proċess ta' negozjati kien beda b'rittmu tajjeb bejn Marzu u Mejju ta' din is-sena, iżda sfortunatament minn Ġunju sal-lum ġew ikkanċellati żewġ laqgħat li kienu skedati. Minkejja li għandna bil-miktub li l-gvern impenjat bi sħiħ sabiex itejjeb il-kundizzjonijiet tal-Pulizija, dan it-titjib jista' jasal biss wara li jintemmu n-negozjati.

Naturalment, ħadd mhu qed jgħid li kollox miexi fuq ir-rubini, anzi fadal ħafna xi jsir u għad fadal ħafna nuqqasijiet. Iva, nippretendu li issa li għandna Kap Eżekuttiv, 4 Deputati Kummissarji u 12-il Assistent Kummissarju u ammont konsiderevoli ta' Supretendenti li għad iridu jieħdu l-kariga jindirizzaw aħjar il-kundizzjonijiet li l-Pulizija jiltaqgħu magħhom ta' kuljum.

Bħalma kulħadd jaf, l-Ispettur Sandro Camilleri ma jiddejjaqx jagħmel wiċċu pubblikament meta tiġi attakkata l-ħidma tal-Korp, partikolarment meta jkun hemm kritika inġusta kontra l-membri tagħna. F'dawn is-sentejn ta' ħidma ddefendejna għexieren ta' każijiet individwali, dixxiplina interna, PSC, qrati u għamilna diversi kwereli permezz tal-avukati tagħna meta membri tagħna ħassew il-bżonn. Tajna s-sehem tagħna biex seta' jibda' jitqassam il-kumpens tal-arretrati, kif ukoll biex ġiet emendata l-liġi (Kap164). Iffirmajna MOU mal-MPA biex fin-negozjati dwar il-kundizzjonijiet tal-Pulizija nkunu flimkien. Fadal ħafna xi jsir, iżda s-sħubija tagħkom timliena bil-kuraġġ biex inkomplu naħdmu u nkunu l-vuċi tagħkom biex nagħtukom serħan il-moħħ.

tvella@pou-gwu.org.mt

**INTENTIONALLY LEFT BLANK**

# Malta Police Association

## Your Independent Union

Għeżież Sinjuri,

L-ewwel nett nixtiequ li minn qalbna nuru solidarjetà assoluta mal-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Lawrence Cutajar fejn dan l-aħħar ġie attakkat u ridikolat inġustament. Tajjeb illi wieħed jipprotesta u jagħmel kull forma ta' dimostrazzjoni fil-parametri tal-liġi, iżda li tattakka u thedded b'mod malinn lil persuna b'mod personali, żgur li ma jaqax taħt dan id-dritt fundamentali. Jiddispjaċik tara kartelluni bil-kliem *F*** the POLICE* meta ħafna mill-membri tal-Korp jiddedikaw ħajjithom sabiex iservu lill-poplu.

Qed nuru wkoll solidarjetà ma' dawk il-Pulizija kollha li f'dawn l-aħħar xhur sfaw midruba minn terzi matul il-qadi ta' dmirijiethom, u nawgurawlhom fejqan ta' malajr. Ikun hemm diversi kundanni fuq il-mezzi tax-xandir min-naħa tal-*MPA* u tal-*POU* li però sfortunatament jidher li mhu qed iwasslu għal imkien għax ir-rispett lejn il-Pulizija kull ma jmur qiegħed jonqos drastikament jekk ma spiċċax għal kollox. L-*MPA* temmen ukoll li l-amministrazzjoni tal-Korp f'dawn iċ-ċirkostanzi għandha tagħti l-*input* tagħha u tesprimi wkoll fil-mezzi tax-xandir id-dispjaċir tagħha u anke tikkundanna dawn l-attakki fuq il-membri tagħha.

Nistennew ukoll li jkun hemm anke l-kundanni mill-ogħla awtoritajiet tal-pajjiż u mhux qisu xejn mhu xejn u qisu saret ħaġa normali li Pulizija jiġi aggredit waqt il-qadi ta' dmirijietu. Nemmnu li żmien ir-ritratti u l-pożi issa għadda u qed nistennew li l-Pulizija jkollhom aktar *backing* permezz ta' riforma fil-liġi li verament tagħti l-protezzjoni lill-membri tal-Korp. Kulħadd jiġi għax-xogħol biex jaqla' l-ħobża ta' kuljum u ħadd ma jieħu gost joħroġ mid-dar għax-xogħol bil-biża' illi jisfa midrub jew ma jirritornax id-dar.

### Ftehim Settorjali

F'dawn iż-żminiijiet, kemm l-*MPA* u naħseb anke l-kollegi tagħna tal-*POU* xtaqna li ħabbarnielkom illi l-ftehim settorjali ġie konkluż. Sfortunatament qabel l-elezzjoni ġenerali saru tliet laqgħat u l-proċess kien wieħed mgħaġġel iżda minn wara l-elezzjoni 'l hawn ġew ippjanati tliet laqgħat u ġurnata qabel tħassru. Għaddew ħames xhur u għadna bla risposta rigward il-kontinwazzjoni tal-ftehim settorjali. L-aktar ħaġa li weġġgħatna hi li sirna nafu mill-mezzi tax-xandir li l-ftehim settorjali ser jiġi konkluż fl-2018. X'ser isir? Ser jaċċettaw il-proposti tagħna? Serrħu raskom illi t-talbiet illi saru ser ikunu ta' benefiċċju għall-Pulizija kollha. Iżda jekk jiġu joffrulna l-karawett, kemm l-*MPA* u anke l-*POU* mhux ser inkunu tapit ta' ħadd.

Dan l-aħħar rajna diversi entitajiet jaqblu fuq il-ftehim settorjali tagħhom u jalla l-ġid. Aħna bil-ġid nieħdu gost. Imma jekk hemm il-ġid irid jinqasam ugwali. Il-Pulizija mhux anqas minn ħaddieħor u jiġu diskriminati bħala ħaddiema. Biex tgħaxxaq kollox aħna ma tlabniex żidiet sostanzjali fil-pagi tagħna. Waħda mit-talbiet tagħna hija li nitħallsu 15 fil-mija tal-paga li preżentament qed niġu misruqa. Dan qed ngħidu għax aħna qed naħdmu 46 siegħa u nitħallsu ta' 40 siegħa biss. Dan kollu qed isir bi ksur tal-ftehim kollettiv tal-Gvern għall-ħaddiema taċ-Ċivil. Dan, l-amministrazzjoni tafu u tafu ben sew. Min-naħa tagħna saru diskussjonijiet mal-*POU* u ser tkunu tafu fil-jiem li ġejjin il-miżuri li ser jittieħdu miż-żewġ Unions konġuntament. Nisperaw li nsibu l-appoġġ tagħkom.

Min-naħa tagħna ser nagħlqu hawn billi nawguraw il-Milied u Sena ġdida mimlija hena lill-membri tal-Korp kollu u l-familjari tagħhom.

http://www.mpa.org.mt

**INTENTIONALLY LEFT BLANK**

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

# Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija

My best greetings and thanks for the sergeant AUDREY MICALLEF from Malta Airport Police Station, thanks for your honesty and quick action I have only good memories from Malta!

I would like to thank you on behalf of my team for making it possible for PC Clive Mangion to do the illegal substances training at MCAST Student Support Services. I had very good feedback from the staff as this training supports us further to be more professional in our work with students.

Kind regards,

Nixtieq niehu l-opportunita ta din il-pagna billi naghmel ringrazzjament kbira lis-surgent Kevin Grima ta' Birkirkara, ta' kemm irsista u ha interess fuq kaz zghir li nqala din il-gimgha. Meta irringrazzjatu qalli jiena xogholi qieghed naghmel, biss haga nghid meta xoghol issir mill-qalb nista nghidlek li jigi apprezzat hafna aktar... Grazzi ghal darb'ohra surgent.

Good afternoon, I want to commend the officers – I believe they work in the Central Immigration Unit (I know there is a Katriona and a Miriam in the office) who saw a foreign woman who had no money to feed her child and took the initiative to buy some baby food for the child. I am the pharmacist just round the corner from the depot, that's how I know, they came to purchase from here. I was touched by this humane act.

Insp. Kylie Borg,

I would like to show my appreciation for your assistance during last week's activities organized by the school. Without your support, it would have been impossible for us to reach the village community, which was our main aim.

Thank you for your constant support.

Kind Regards

Sue Azzopardi
Head of School
St. Ignatius College
Haz-Zebbug Primary

Message: Ghaziz Kummissarju,

F'22 ta' Mejju jien kont involut f'Hit and Run, kien hemm proxmu u baqa sejjer. Jien inzilt naghmel rapport l-ghassa ta' Bormla u kien hemm il-Pulizija Mara 366 li kienet ta' ghajnuna kbira u hadmet professjonali hafna flimkien mal-226. Grazzi ghall-dawn il-persuni l-kaz gie solvut. Nixtieq nuri l-apprezzament tieghi ghax kienu ta' ghajnuna kbira, hadmu b'mod professjonali u mandix kliem iehor biex najdilhom grazzi mhux ghax solvew il-kaz imma ghax naprezza kemm kienu ta' rispett u ta' ghajnuna. Naprezza li din l-email tasal ghandhom biex ikomplu sejrin hekk ghax zgur jigwadanja l-pajjiz kif ukoll l-korp. Nawgura li jimxu l-quddiem fil-karriera taghhom ghax ghandhom futur kbir.

WPC 196

This is a short note of appreciation directed to the female police manning the 'Criminal Records' Office last Saturday. Unfortunately I did not note her PC number however due to her dedication and efficiency, though there were a quite a number of people to be served, she managed to keep queuing time to a real minimum and we have been served in no time.

Appreciate if you could kindly forward such appreciation and besides congratulating her, tell her to keep up the good work.

Attention please to the Commissioner of Police and those in charge of the Rapid Intervention Unit:-

Sir,
We would like to thank, recommend and express our gratitude to the truly rapid intervention by PC 209 Julian Grech and PC 868 Russel Psaila of the Rapid Intervention Unit in saving the lives of two abandoned one month old kittens at Dingli Cliffs yesterday evening.

We where with our two grandchildren at Dingli Cliffs so they could admire the sunset when we heard the desperate cry of two abandoned kittens among the thorny bushes close to the edge of the cliffs.

It was precisely at that moment when Mr Grech and Mr Psaila appeared patrolling the area. We asked their help and there started a sweet kind adventure which we and the kids will never forget.

Immediately they laboured to find and pull out the kittens from among the thorny bushes. And that was not enough because they did not leave until they assured a safe home for the kittens. They themselves delivered one of the kittens to a family that was ready to give them home!

What a marvelous good example to us, especially to our kids, of two policemen on their line of duty.

We would have failed our duty if we did not draw your attention to such good example in saving lives by Police Constables Julian Grech and Russel Psaila. Truly there is much tension in the world today but such events to save lives give hope and courage for the future!

Thank you Sir for listening to our story. And please thank also for us these two gentlemen!

# *Police Counselling Unit*
## fi ħdan il-Korp tal-Pulizija

mill-Ispettur Edward Zammit – *Police Counselling Unit*

F'soċjetà kontemporanja, l-istress relatat max-xogħol huwa problema għal ħafna okkupazzjonijiet u l-kuntest tal-infurzar tal-liġi tal-Pulizija ta' Malta mhux eċċezzjoni. Infatti, numru ta' studji ddokumentaw kemm ix-xogħol pulizjesk huwa meqjus bħala wieħed mill-aktar okkupazzjonijiet li jikkawżaw stress. Meta kkumparat ma' professjonijiet oħrajn, il-Pulizija għandhom riskju akbar li jħabbtu wiċċhom ma' sitwazzjonijiet stressanti jew inċidenti li xi minn daqqiet jistgħu jkunu trawmatiċi għal xi wħud bid-diffikultajiet ta' saħħa mentali li dan iġib miegħu.

Stress marbut ma' xogħol pulizjesk huwa problema li dejjem qed tikber minħabba r-riperkussjonijiet negattivi li għandu fuq l-uffiċjal tal-Pulizija, fuq il-familjari, fuq il-Korp tal-Pulizija kif ukoll fuq is-soċjetà inġenerali. Studji mhux biss internazzjonali imma anke lokali jiddokumentaw li Pulizija affettwati minn stress jirrappurtaw inċidenza akbar ta' problemi ta' saħħa fiżika, psikoloġika u soċjali. Dawn l-istess studji jitfgħu dawl fuq kemm huwa importanti li tali organizzazzjonijiet jevalwaw u jimplimentaw strateġiji u servizzi li jgħinu sabiex jiġi ssalvagwardjat il-benesseri psikosoċjali tal-Pulizija li għandu wkoll iwassal għal titjib pożittiv fil-prestazzjoni tax-xogħol pulizjesk.

Riċerka lokali ma' Pulizija li jaħdmu Malta kif ukoll oħrajn f'Għawdex indikat illi l-aħjar preferenza hija dik ta' servizz *hybrid*. Fi kliem ieħor, struttura *in-house* li wkoll tirreferi għal servizzi u riżorsi esterni skont il-bżonnijiet partikolari tal-persuni li jagħmlu użu mis-servizz. Proponenti ta' tali servizz jirrappurtaw illi l-vantaġġi ta' servizz *in-house* jikkumpensaw għal żvantaġġi ta' servizzi esterni, u minn naħa l-oħra dak li huwa perċeput bħala żvantaġġ ta' servizz *in-house* huwa tradott bħala benefiċċju f'servizzi operati esternament. Żviluppaturi ta' programmi *hybrid* jaffermaw li tali struttura tipposjedi l-vantaġġi kemm ta' servizz *in-house* kif ukoll ta' programmi esterni fejn kull servizz jikkumpensa għall-iżvantaġġi tal-ieħor.

Għaldaqstant, b'effett minn nhar is-7 t'April 2017 fil-Korp tal-Pulizija ġiet imwaqqfa sezzjoni interna bl-isem *Police Counselling Unit* li toffri servizzi ta' appoġġ psikoloġiku lir-rekluti, Pulizija u persunal ċivili bl-opzjoni li nirreferu l-individwu lejn servizzi oħrajn 'il barra mill-Korp skont in-neċessitajiet tal-persuna. L-għan prinċipali ta' dan is-servizz huwa li nipprovdu għall-iżvilupp u għall-benesseri psikosoċjali mir-reklutaġġ sal-irtirar billi nipprevjenu, intaffu u nirriċerkaw reazzjonijiet għal stress negattiv fi ħdan il-Korp tal-Pulizija.

Persuni li qed jesperjenzaw diffikultajiet personali kif ukoll dawk relatati max-xogħol jistgħu jaċċessaw is-servizz volontarjament. Is-servizz japplika regoli stretti ta' kunfidenzjalità bi qbil mal-individwu. Ir-raġunijiet għar-riferiment jinkludu diffikultajiet ta' komunikazzjoni, diffikultajiet tar-relazzjoni (kemm id-dar kif ukoll fuq il-post tax-xogħol), diffikultajiet ta' saħħa mentali, diffikultajiet soċjali, appoġġ matul żmien ta' luttu, trawma, immaniġġjar fl-espressjoni ta' rabja, stress/eżawriment, fobija, imġiba ta' vizzju, addattament wara trasferiment, sensazzjoni ta' inġustizzja, dipressjoni u oħrajn.

Minn riċerka fil-Korp ħareġ ċar li Pulizija li għandhom preferenza jużaw is-servizz ta' *counselling* internament fil-Korp jippreferu jagħmlu dan f'post li joffri ambjent relatat mal-infurzar tal-liġi li jkun lil hinn mill-post tax-xogħol tagħhom.

Għaldaqstant wara qbil bejn il-Kummissarju tal-Pulizija, is-CEO tal-Korp flimkien mal-Kmandant tal-Akkademja għall-Korpi Dixxiplinati sar ftehim u l-*Counselling Unit* bdiet tuża l-faċilitajiet tal-Akkademja Għall-Korpi Dixxiplinati sabiex tmexxi l-operat tagħha. Matul dan iż-żmien, Pulizija li attendew għal sessjonijiet magħna rrappurtaw li tali lokazzjoni hija opzjoni tajba li tissodisfa l-bżonnijiet tagħhom. B'danakollu, is-servizz ta' appoġġ tal-*Police Counselling Unit* jingħata anke f'postijiet oħrajn 'il barra mill-*counselling room* bħal fi djar, fi sptar u oħrajn, skont iċ-ċirkostanzi u l-bżonnijiet tal-individwu. Fil-preżent, is-servizz jingħata mit-Tnejn sal-Ġimgħa fil-ħinijiet tal-uffiċċju.

Mit-twaqqif tal-*Police Counselling Unit* wieħed jinnota illi dan is-servizz qiegħed javvanza skont ir-rata proġettata, dejjem tenut kont tar-riżorsi disponibbli fil-preżent. Pulizija li għamlu użu mis-servizz jirrappurtaw li qiegħed jissodisfa l-bżonnijiet tagħhom u jirrimarkaw li dan jgħin sabiex iħossuhom aktar ivvalutati għal ħidmiethom u għal perikli li jaffrontaw.

Dawk illi għandhom bżonn ta' aktar informazzjoni jew jixtiequ jagħmlu appuntament jistgħu jagħmlu kuntatt magħna fuq in-numru 2294 3344 jew inkella permezz ta' messaġġ elettroniku fuq l-indirizz (counselling.police@gov.mt).

---

# INTENTIONALLY LEFT BLANK

**INTENTIONALLY LEFT BLANK**



Liam Agius
3 snin

Dawk il-membri tal-Korp li għandhom it-tfal u jixtiequ jagħtu s-sehem tagħhom f'din il-paġna, permezz ta' kitba jew tpinġija relatata mal-Korp tal-Pulizija, jistgħu jagħmlu dan billi jagħmlu kuntatt mal-Bord Editorjali fuq magazine.police@gov.mt

# Kif nirrispondu għal sitwazzjonijiet diffiċli fil-ħajja

*Employee Support Programme Unit*

Kulħadd jgħaddi minn żmien diffiċli xi darba jew oħra u l-ħajja tista' tippreżentalna ħafna sfidi. Iżda għaliex ċerti nies jirnexxilhom ikampaw meta jaffaċċjaw id-diffikultajiet, filwaqt li oħrajn jinkwetaw u jsibuha bi tqila li jkomplu għaddejjin? Xi jwassal lil ċerti persuni biex jirnexxilhom iqumu fuq saqajhom wara perjodu diffiċli, filwaqt li oħrajn jibqgħu jbatu?

Kulħadd iħoss it-toqol tal-ħajja, iżda jeżistu ċerti persuni li għandhom l-abilità li jkampaw aħjar ma' dak li l-ħajja tippreżentalhom. Il-mod kif jirnexxilna nkampaw mal-problemi jista' jħalli impatt ukoll fuq il-benesseri psikoloġiku tagħna. It-tajjeb hu li lkoll kemm aħna nistgħu nitgħallmu kif inkampaw aħjar mal-affarijiet li jkunu qegħdin itaqqluna fil-ħajja.

• Ir-riċerka turina li wieħed mill-fatturi prinċipali li jgħinuna nkampaw huwa li niżviluppaw u nsaħħu r-relazzjonijiet man-nies ta' madwarna. Li jkollok nies madwarek ma' min tista' tiftaħ qalbek u min joffrilek sapport f'mument ta' wġigħ, huwa ta' sostenn kbir fil-ħajja. Iżda importanti wkoll li nitgħallmu naċċettaw l-għajnuna u li nistaqsu għaliha meta jkun hemm bżonn.

• Jgħin ukoll li l-problemi fil-ħajja nħarsu lejhom bħala opportunità biex nitgħallmu u nikbru u bħala mezz biex niżviluppaw ħiliet ġodda.

• Importanti wkoll li nirrikonoxxu l-ħiliet tagħna u dak li jirnexxilna nagħmlu fil-ħajja. Ħafna drabi niffukaw aktar fuq dak li mhux qed jirnexxilna nagħmlu u ninsew dawk l-affarijiet, anke jekk żgħar, li jkunu pożittivi u ta' suċċess. Il-fiduċja fina nfusna tgħinna biex nieħdu azzjoni pożittiva u nibdew naffaċċjaw is-sitwazzjonijiet li nsibu ruħna fihom.

• Jgħin ukoll li meta nagħmlu tir li nilħqu xi ħaġa, dan ikun wieħed realistiku u li naħsbu fuq il-passi żgħar li nistgħu nagħmlu biex eventwalment nilħqu t-tir tagħna.

• Li ninkwetaw wisq fuq il-futur, jew inkella fuq dak li m'għandniex kontroll fuqu, ma jgħinx. Importanti li niffukaw fuq ir-reazzjoni u l-perspettiva tagħna u li niftakru li m'għandniex kontroll fuq l-imġiba tal-oħrajn. Meta niffukaw fuq il-preżent u nagħmlu dak li hu fil-kontroll tagħna jgħinna biex naffaċċjaw sitwazzjoni problematika bil-mod il-mod u mhux narawha bħala xi ħaġa kbira li mhux se jirnexxilna nsolvu.

• L-istress u l-bidla huma parti mill-ħajja u l-mod kif aħna nirrispondu għal dawn is-sitwazzjonijiet u li naċċettaw li huma parti mill-ħajja jagħmel differenza fuq kif inkampaw ma' dan l-istress u l-bidla. Ħajja mingħajr bidla tista' tidher attraenti għal xi wħud. Iżda jekk ġurnata wara ġurnata u xahar wara xahar ma jinbidel xejn, biż-żmien din ir-rutina dejjem l-istess tista' twassal għal monotonija. Fl-istess ħin tajjeb li nagħmlu li nistgħu biex nikkontrollaw l-ammont ta' stress f'ħajjitna.

• Importanti wkoll li nieħdu ħsieb tagħna nfusna u nsibu ħin għall-mistrieħ għax dan se jgħinna biex inkunu nistgħu naffaċċjaw il-ħajja.

• Li jkollna l-abilità li nkunu flessibbli jgħin biex nippruvaw naddattaw għas-sitwazzjoni li nkunu fiha. Li nkunu flessibbli ma jfissirx li naċċettaw kollox, imma li nagħrfu x'nistgħu nagħmlu fiċ-ċirkustanza li nsibu ruħna fiha.

• Tajjeb ukoll li naċċettaw li nistgħu niżbaljaw u ma nkunux wisq iebsin magħna nfusna meta jiġri dan. Meta niżbaljaw nerfgħu r-responsabbilità tagħna u nitgħallmu mis-sitwazzjoni.

• Importanti wkoll li meta nħossuna li m'aħniex inkampaw, nagħrfu l-bżonn li nfittxu għajnuna professjonali. Huwa sinjal ta' saħħa interna li nagħrfu li mhux dejjem jista' jirnexxilna naslu waħedna fil-ħajja.

Bħala punt ta' għeluq nixtieqų nagħmlu referenza għall-kwotazzjoni tal-Awtur A.A. Milne, "Hemm xi ħaġa li tajjeb li dejjem iżżomm f'moħħok. Inti aktar kuraġġuż milli temmen, aktar b'saħħtek milli tidher u aktar intelliġenti milli taħseb". U oħra mill-psikologu Carl Gustav Jung, "Jiena m'iniex dak li jiġrili…imma dak li jiena nagħżel li nkun." Mhux faċli li nibqgħu għaddejjin quddiem ċerti sitwazzjonijiet diffiċli fil-ħajja, iżda jekk nemmnu fl-abilitajiet tagħna u niffukaw fuq dak li hu fil-kontroll tagħna u nfittxu l-għajnuna fejn ikun hemm bżonn, dawn se jgħinuna biex ma nħallux is-sitwazzjonijiet diffiċli jirkbuna.

Jekk qed tesperjenza xi sintomi msemmija f'dan l-artiklu jew għaddej minn xi diffikultajiet oħra li qed jaffettwawlek il-ħajja personali u/jew professjonali, is-sapport u l-*counselling* jistgħu jgħinuk biex tħossok aħjar. Għal iktar informazzjoni jew biex tagħmel appuntament kunfidenzjali, ikkuntattja lill-*Employee Support Programme* billi ċċempel fuq 2200 1210 jew tibgħat posta elettronika f'dan l-indirizz esp.opm@gov.mt.

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

# KORP PROATTIV

Mid-Deputat Kummissarju Dott. Mario Spiteri
u Dott. Anthony Licari, Lettur, Diplomatiku, Traduttur u Interpretu

Li tkun proattiv hi xi ħaġa li l-maġġoranza tan-nies jixtiequ jkunu. Xi tfisser li tkun proattiv? Tfisser li tkun konxju u taġixxi dwar sitwazzjonijiet futuri – kemm fil-futur qarib kif ukoll fil-futur imbiegħed. Proattiv tfisser ukoll li tieħu kontroll jew taġixxi dwar dak li jista' jiġri bla ma tistenna li tara l-affarijiet jiġru u tagħmel xi ħaġa dwarhom. Ta' min jgħid li 'tieħu kontroll' ma tfissirx li tkun awtoritarju u tieħu deċiżjonijiet u taġixxi 'għax hekk jidhirlek' iżda hawnhekk 'kontroll' ifisser il-kuraġġ li tgħaddi għall-azzjoni wara li tkun eżaminajt sew is-sitwazzjoni, ċioè tqis mitt darba u wara tmexxi.

Il-proattività tfisser li jkollok għarfien ta' problemi possibbli li jinqalgħu fil-ħajja – kemm personali, familjari, soċjali, kif ukoll professjonali. Dan l-għarfien hu parti indispensabbli mill-azzjoni proattiva f'kull qasam imsemmi hawn fuq. Jista' jkun li inti jkollok għarfien iżjed f'xi element minn dawn u inqas f'oħrajn. Nieħdu l-eżempju tal-edukazzjoni tal-ulied. Aktarx li l-maġġoranza tan-nies jeħtieġu pariri u gwida professjonali biex imexxu bl-aħjar mod l-edukazzjoni ta' wliedhom. Dan ukoll fil-qasam tas-saħħa. Spiss ħafna nies li jkollhom xi problema medika, imorrulek fuq l-internet biex jitgħallmu iżjed dwarha u jieħdu xi azzjoni. Din l-azzjoni amatorjali tista' tkun traġika mingħajr parir mediku peress li l-esperimentazzjoni dwar is-saħħa hi perikoluża.

Mela għaliex qed insejħu l-proattività xi ħaġa pożittiva? Għaliex, ibbażata fuq l-esperjenza u l-għarfien, ikollha bażi suffiċjenti għal azzjoni razzjonali, ċioè mhux sperimentali u sporadika, mhux by *trial and error* u mhux b'għaġla ta' bla paċenzja. Mela l-proattività hi pożittiva jekk ikollha ċerti kundizzjonijiet marbutin magħha. Mhix azzjoni totalment ħielsa minn kull irbit, għax inkella tkun anarkija – ċioè libertà tal-azzjoni bla ħsieb u maturità.

Fil-passat, il-professjoni tal-Pulizija kienet meqjusa bħal xogħol ta' persuni li kapaċi jobdu bla ma jaħsbu wisq u mbagħad imexxu 'għax hekk qalu s-superjuri'. Madankollu llum qegħdin norbtu element ta' proattività mal-ubbidjenza. Is-superjuri moderni fil-Korp tal-Pulizija jafu u jixtiequ li l-istruzzjonijiet tagħhom mhumiex sempliċement obduti bil-għama iżda wkoll mifhumin, apprezzati kif ukoll maqbula. Dan ma jfissirx li ma jeżistux każi urġenti fejn ir-riflessjoni tista' tfixkel l-aħjar azzjoni. Mela f'sitwazzjonijiet ta' urġenza, ir-riflessjoni, l-għarfien u d-diskussjoni fit-tul qabel l-azzjoni jistgħu jwasslu għal dewmien fis-soluzzjonijiet li jirrikjedu azzjoni bikrija.

Dawn l-aħħar snin rajna l-ħolqien ta' żewġ għaqdiet tal-Pulizija li l-aċċettazzjoni tal-eżistenza tagħhom mill-istat, tfisser li l-membri tal-Korp ingħataw poter ta' azzjoni lil hinn mis-sempliċi ubbidjenza. Ingħataw ċertu poter ta' azzjoni marbut mar-regoli li jiggarantixxu l-organizzazzjoni tajba tal-Korp. Dan ifisser li l-membri tal-Korp żdiditilhom il-fiduċja mill-istat u ċertu kontroll fuq l-azzjoni responsabbli tagħhom. U hawnhekk għalaqna ċ-ċirku dwar xi tfisser il-proattività li semmejna fid-dħul ta' dan l-artiklu, ta' din id-diskussjoni.

Issa ta' min ukoll ngħaddu għal eżempji prattiċi. Bejn l-azzjoni proattiva tal-membri tal-Korp u l-azzjoni tal-qrati m'hemmx ħajt impermeabbli li jisseparahom. Dan ifisser li l-Pulizija u l-qrati mhumiex entitatijiet totalment separati iżda entitajiet li jridu jaħdmu flimkien għall-aħjar riżultati. Il-membri tal-Pulizija jafu li l-ġustizzja u l-azzjoni proattivi tal-qrati, jeħtieġu l-ħsieb, l-ideat, l-ispirazzjoni tal-Pulizija. Dan speċjalment għax il-Pulizija huma eqreb taċ-ċittadin u jeħtieġu li mal-mogħdija taż-żmien ikunu dejjem eqreb biex jifhmu lill-individwi, lill-familji, lil kull tip ta' grupp u lis-soċjetà sħiħa. Dan ifisser li l-qrati jridu jitgħallmu mill-għarfien, mill-esperjenza u mill-ġudizzju tal-Pulizija biex id-deċiżjonijiet tagħhom ikunu maturi u oġġettivi.

Nieħdu l-eżempju tal-hekk imsejħa sistema 'ex-officio'. Bażikament, fil-punt tat-tluq tagħha, din is-sistema hi ntiża biex tipproteġi lis-soċjetà saħansitra anki meta l-individwi fi stat ta' kunflitt iddeċidew b'ċerta maturità li jabbandunaw il-kunflitt u jfittxu l-paċi. Erġa', is-sistema tal-'ex-officio' jeħtieġ li tiġi rieżaminata mqar għax il-Pulizija stess jara kontradittorju t-tiftix tal-ftuħ mill-ġdid tal-pjagi li jkun għalqu. Mela s-soċjetà bil-proċeduri tagħha hi għas-servizz tan-nies, u kemm jista' jkun m'għandhiex tkun soġġetta għall-proċeduri riġidi li jiddominaw lis-soċjetà b'mod artifiċjali flok viċi-versa! Is-soċjetà toħloq il-proċeduri, mhux il-proċeduri joħolqu s-soċjetà!

Sabiex il-Pulizija jkunu qrib tan-nies (ara wkoll l-artiklu ta' Dott. Licari "Il-Pulizija tal-Komunità" f'ħarġa passata ta' din ir-rivista), iridu l-ewwel nett ikunu qrib ta' xulxin fil-ħsieb, fl-ideat u fl-azzjoni, jiġifieri jrid ikollhom bejniethom proattività reċiproka kemm f'sens orizzontali kif ukoll f'sens perpendikulari. Dan ifisser li bejn il-membri tal-Korp fl-istess għassa jkun hemm sens ta' koperazzjoni. Din ma teżistix sempliċement bħala riżultat tal-ubbidjenza (kif kien fil-passat) iżda wkoll bħala riżultat ta' konvinzjoni. Jiena nobdi imma jiena wkoll konvint li l-ordni li qed nobdi hi tajba. Jekk fil-passat obdejt anki ordni ta' azzjoni jew *charge* fuq suspett mhux qawwi u b'saħħtu biżżejjed, illum il-ġurnata is-superjur tiegħi jaf li jien membru intelliġenti tal-Korp u naf allura li *charge* trid tkun ibbażata fuq suspett qawwi li ma tikkuntradixxix kif ġieb u laħaq. Għalhekk is-superjuri fil-Pulizija llum rari jgħidu lis-subalterni 'mexxi għax jien għandi suspett qawwi'. Illum il-ġurnata s-suspett irid ikun analitiku, meqjus, mibni fuq ċerta loġika. Mela s-superjuri fil-Korp tal-passat issa jagħmlu l-almu tagħhom biex jagħtu sens ta' konvinzjoni serja marbuta mal-istruzzjonijiet tagħhom.

Ngħaddu issa għall-proattività jew il-koperazzjoni attiva bejn l-għases. Kif nafu, sfortunatament, hemm membri tal-pubbliku li ħallihom jikkritikaw lill-Pulizija għal kull ħaġa ta' xejn u jippuntaw subgħajhom lejn is-suppost nuqqasijiet jew is-suppost nuqqas ta' sens komun tal-pulizija. Insemmu każ li fortunatament rari jiġri. Jekk persuna tagħmel rapport f'għassa u dan ma jkunx meqjus bħala 'azzjonabbli' ċioè ma jkunx jimmerita azzjoni, il-persuna konċernata tipprova tittanta xortiha f'għassa oħra bħallikieku l-għases huma xi laboratorji sperimentali. Għalhekk, it-tieni għassa dejjem għandha tara li mhix qed tiġi użata minn persuni li jesperimentaw minn għassa għal oħra. Fuq kollox, għassa mhix xi ħanut tal-merċa fejn ma sibtx oġġett u mort tfittex għand ħanut tal-merċa ieħor! Barra minn hekk, din is-sistema infeliċi li ġieli tissejjaħ 'station hopping' ixxellef l-armonija bejn żewġ għases waqt li tagħti impressjoni ta' inkonsistenza mal-pubbliku. Din l-inkonsistenza tagħmel ħsara kbira lir-reputazzjoni tal-Korp li għandu bżonn isaħħaħ ir-relazzjonijiet pubbliċi tiegħu.

Nixtiequ nagħlqu dan l-artiklu li ppruvajna nagħmluh proattiv kemm nistgħu, billi nawguraw li l-għases ikunu iżjed u iżjed organizzati, effettivi, forniti bl-aħjar attrazzamenti. Il-proattività fiżika tal-għases tikkontribwixxi ħafna għall-proattività tal-azzjoni rijuxxita tal-Pulizija.

# INTENTIONALLY LEFT BLANK

**INTENTIONALLY LEFT BLANK**

# In-Naħla Maestuża

mis-Surġent-Maġġur 1133 Joseph Borg - Kwartieri Ġenerali

Ta' kull sena tista' tgħid bejn ix-xhur ta' Marzu u Mejju, ġeneralment il-Pulizija tirċievi diversi rapporti, fil-biċċa l-kbira tagħhom minn persuni b'mod isteriku minħabba li jkun intlemaħ xi ferħ naħal maqbud ma' ħajt, xi gallarija, fuq xi bejt ta' dar, bitħa, ġardina jew ma' diversi oġġetti u postijiet oħra fil-beraħ. Iżda mill-mod ta' kif jidħlu ċertu rapporti wieħed jasal f'konklużjoni ta' kemm m'hawnx għarfien dwar din il-ħlejqa maestuża, għotja speċjali lill-umanità parti minn dan il-ħolqien.



Madwar id-dinja l-popolazzjoni tan-naħal qiegħda tonqos b'mod drastiku. Għal ħafna n-naħal huwa meqjus biss bħala dik l-ispeċi ta' insett li jipproduċi l-għasel u x-xema' u xejn aktar, ħlief li jtik xi tingiża bil-valenu meta tmur viċin ħafna l-bejta tiegħu. In-naħal għandu sehem ferm importanti u vitali fil-produzzjoni tal-ikel permezz tad-dakkir tal-pjanti biex imbagħad permezz t'hekk ikollna l-frott, ħaxix, żrieragħ u legumi fost oħrajn. Jekk wieħed irid verament jifhem kemm in-naħla hija importanti fl-ekosistema tagħna u biex ikollna l-ikel; jara x'kien qal darba Albert Einstein, "jekk in-naħal jisparixxi minn fuq wiċċ id-dinja, il-bniedem ma jkollux aktar minn erba' snin eżistenza".

Il-Parlament Ewropew ftit taż-żmien ilu kien minn ta' quddiem biex tinbeda kuxjenza għall-ħarsien ta' din l-ispeċi, permezz tal-Membru Parlamentari Ewropew Alajze Peterle, li hu mis-Slovenja u hu stess irabbi n-naħal. Il-Parlament Ewropew mhux biss iddiskuta dak li qed iseħħ lin-naħal, iżda rrakkomanda diversi miżuri u għajnuniet biex il-problema tkun trattata. F'Malta l-problema ewlenija li qed jiffaċċja s-settur huwa b'mod partikulari simili għal dak ta' postijiet oħra, jiġifieri n-nuqqas fl-ammont ta' mergħat minn fejn in-naħal jista' jsib il-fjuri biex jirgħa u l-użu indiskriminat tal-pestiċidi, erbiċidi eċċ. Fir-rigward tan-nuqqas ta' fjuri slavaġ, it-tort huwa bla dubju tal-iżvilupp illi tajjeb jew ħażin mal-milja taż-żmien qered ammont kbir ta' art verġni u agrikola. Issa dak li ntilef sfortunatament ma jistax jinġieb lura. Minn naħa l-oħra l-użu tal-bexx għandu jkun irregolat aħjar kemm fit-tip u l-mod li bih ikun applikat.

### Dwar l-għasel

Sa minn 4,000 sena qabel Kristu, l-għasel kien jintuża bħala mediċina minħabba li fih ħlewwiet konċentrati, vitamini, diversi minerali, trab ta' diversi fjuri, ilma u dawk imsejħin *enzymes*. Il-ħlewwa flok zokkor hija xi ħaġa li tipproduċi enerġija ta' malajr. Jintuża wkoll bħala diżinfettant u antibijotiku. Insibuh użat ukoll fuq qsim, brix u xquq fil-ġilda; xedda, *diahorrea*, ħruq fil-ġriżmejn, trattamenti tal-wiċċ, dlik għall-idejn eċċ. Jintuża wkoll għall-diżordnijiet fl-imsaren, fl-ikel tat-trabi, anemija, feriti bħal infjammazzjoni tal-għajnejn u problemi respiratorji. Insibu wkoll li l-valenu li tagħti n-naħla mat-tingiża b'xi mod jgħin ukoll kontra l-kundizzjoni tal-artrite.



Il-Propolis hija sustanza oħra, prodott ieħor tan-naħal bħalma huwa l-għasel u x-xema'. In-naħal dan iġibu minn fuq is-siġar u ċertu pjanti lokali biex wara li jaħdmu jużah sabiex jissiġilla u jagħlaq ġewwa l-bejtiet tiegħu. Fl-aħħar

mill-aħħar huwa materjal li barra li fih ħafna *amino acid*, għandu valur kbir fl-użu tiegħu. Jintuża biex ifejjaq mard u kundizzjonijiet minn ulċeri fil-ħalq, uġigħ fil-ħanek jew dras, ilsien abjad, riħa tinten fil-ħalq, sa trattament biex wieħed isaħħaħ l-*immune system* u lmenti oħra tas-saħħa fil-ħajja ta' kull maħluq. Huwa wkoll wieħed mill-aqwa sustanzi antibijotiċi naturali li jeżistu. Madwar 10 snin ilu hawn Malta b'kollaborazzjoni bejn l-Università ta' Malta u l-Isptar Mater Dei, kienet għaddejja riċerka biex jaraw x'benefiċċju għandu l-Propolis għall-kanċer tas-sider.



Il-ħajja tan-naħal hija affaxxinanti. Fil-fatt huma n-nisa li jikkmandaw kollox fejn ir-reġina tilgħab l-aktar parti importanti. Fil-fatt hija mara, isimha magħha. Il-ħaddiema dawk li jġibu t-trab dakkari u l-meraq mill-fjuri u jbiddluh f'għasel huma wkoll nisa. Is-sehem tal-irġiel fil-kolonja tan-naħal huwa biss biex jiffertilizzaw lir-reġina. Dak huwa xogħolhom. Anke biex jieklu, dawn jiġu mitmugħa mill-ħaddiema li kif għidna huma nisa. Iżda fin-nuqqas ta' ikel, speċjalment f'tempijiet xitwin u keshin; l-ewwel li jieqfu milli jitimgħu huma lill-irġiel, sabiex jagħtu prijorità lir-reġina u l-larvi jew id-duqqajs. Ir-reġina ma titwelidx reġina imma ssir. Bħala daqs hija ftit akbar mill-oħrajn. Ix-xogħol tar-reġina fil-kolonja tan-naħal huwa li tbid il-bajd biex ikun hemm aktar naħal. Hi tbid żewġ kwalitajiet ta' bajd; dak għall-irġiel (drones) jew għan-nisa (workers). Jekk it-toqba tax-xehda fid-daqs tkun kbira, ir-reġina tbid bajda u titlaq u din tkun raġel. Iżda jekk ir-reġina tkun toqgħod sewwa fit-toqba tax-xehda (tal-qies tagħha) tbid bajda u tiffertilizzaha. Il-bajd iffertilizzat ikunu nisa, jiġifieri n-naħal ħaddiema. Minn bajd isir larva u dik li tkun destinata sabiex issir reġina, tibda tifforma b'mod differenti għax tiġi mitmugħa l-pappareale jew royal jelly (din is-sustanza hija mfittxa ħafna fl-industrija tal-kożmetika, minħabba li minnha tinħadem krema kontra t-tikmix li jifforma taħt ix-xoffa tal-għajnejn u tqum ħafna flus). Dan huwa tip ta' ikel mimli proteini li jinsab fil-glandoli tan-naħal. B'dan it-tip ta' ikel din in-naħla tikber bħala reġina u ssir attiva sesswalment. Wara li tiżviluppa u tkun waslet biex titgħammar, toħroġ mix-xehda meta ma jkunx mal-temp. Hi titgħammar ma' għadd ta' rġiel sakemm timla parti minn ġisimha li tissejjaħ spermateka, fejn hemmhekk tiġbor iż-żerriegħa tal-irġiel. Din trid tibqa' sserviha tul ħajjitha kollha. Ħajjet ir-reġina tkun bejn wieħed u ieħor ħames snin. Matul ħajjitha hi tbid miljuni ta' bajd, għalkemm ma tiffertiliz-zahomx kollha. Minn naħa l-oħra, in-naħal ħaddiema jgħixu biss madwar tliet ġimgħat jew sakemm jittiklulhom il-ġwienaħ. Minn hawn wieħed jista' jimmaġina kemm hija bieżla n-naħla bix-xogħol li tagħmel fi żmien daqsekk relattivament qasir ħafna.

Għalhekk b'xi mod inħeġġeġ lil dawk li qed jaqraw din l-informazzjoni dwar in-naħal, sabiex jekk xi darba jiltaqgħu ma' ferħ naħal xi mkien; mingħajr m'għandhom għalfejn jinfixlu u jibżgħu minnu; kulma għandhom jagħmlu huwa li jirrappurtaw minnufih lill-Pulizija; li min-naħa tagħhom jipprovaw jagħmlu kuntatt ma' persuni f'dan il-mistier. Dawn imbagħad bil-paċenzja u l-professjonalità jiġu u jiġbru n-naħal minn fejn ikun. B'hekk inkunu wkoll salvajna ferħ ieħor ta' din l-ispeċi li dejjem qed tonqos fl-ekosistema tagħna.



Minn dan kollu wieħed jara kemm in-natura ħasbet fil-bniedem. L-għasel għandna nqisuh indispensabbli. Iżda barra minn dan naraw li n-naħal ilu jeżisti fuq il-gżejjer tagħna għal dawn l-aħħar 800,000 sena. Mhux talli għadu jgħix iżda talli żamm ħaj għadd kbir fil-varjazzjoni ta' xtieli, arbuxelli u siġar selvaġġi endemiċi li għandna f'pajjiżna. Dawn dejjem tawna lura dak li hu magħruf bħala l-benna tal-ikel, l-ikel li fil-mitoloġija huwa msejjaħ ukoll bħala l-ikel tal-Allat.

joseph.q.borg@gov.mt

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

# Il-Kumitat Sportiv tal-Pulizija

## AVVENIMENTI u INFORMAZZJONI

Sena oħra għaddiet u jħossu jonqos il-Kumitat Sportiv tal-Korp tal-Pulizija jekk ma jurix is-sodisfazzjon tiegħu li jirrimarka fuq il-parteċipazzjoni tal-membri tal-Korp tal-Pulizija f'attivitajiet sportivi li matul ix-xhur li għaddew u/jew fix-xhur li ġejjin kienu u/jew jidhru li se jkunu ta' inkoraġġiment konstanti u effettiv.

Bla dubju ta' xejn, dan jawgura tajjeb kemm għall-Kumitat innifsu li għaraf iġib dawn l-attivitajiet għall-attenzjoni tal-membri u aktar minn hekk, li kien hemm membri fil-Korp li ppartecipaw fl-attivitajiet sportivi f'atmosfera ta' ħbiberija, kompetittività sportiva u riżultati li jawgura tajjeb u ta' sodisfazzjon kemm għall-individwu kif ukoll għall-Kumitat.

### Maratona b'risq Puttinu

Bħal kull sena, iż-żewġ timijiet tal-Futbol tal-Korp tal-Pulizija ħadu sehem fit-turnament organizzat minn *Puttinu Cares* fejn din is-sena sar fil-25, 26 u 27 ta' Settembru 2017.

Barra li ħadu sehem b'solidarjetà, il-parteċipanti taw sehemhom aktar minn hekk. Saret ġabra u ngħatat is-somma ta' mija u tmenin (180) ewro sabiex għamlet parti mill-ġabra globali li nġabru għal *Puttinu Cares* mill-poplu Malti kollu.

Bla dubju, dan juri kemm il-membri tal-Korp b'ħeġġa kbira jipparteċipaw kull sena għal din l-attività u għaldaqstant, barra li l-Kumitat jirringrazzja lill-Kummissarju tal-Pulizija li approva din il-parteċipazzjoni, jirringrazzja wkoll lill-membri kollha li ħadu sehem f'din l-attività nobbli.

### Turnament tal-Futbol tal-*over 35* irġiel u t-Tim tal-Futbol tan-nisa organizzat mill-M.E.S.A.

Fit-28 ta' Settembru 2017, it-tim tal-*over 35* tal-Korp tal-Pulizija pparteċipa għal turnament organizzat mill-M.E.S.A. ġewwa l-grawnd tal-Għargħur. B'żewġ rebħiet kbar u żewġ telfiet minimi ħafna, it-tim tal-*over 35* lagħab kontra dipartimenti oħra fosthom il-Forzi Armati ta' Malta, l-Edukazzjoni, id-Dwana u Transport Malta. Żgur dawn kienu riżultati sodisfaċenti u l-prestazzjoni kienet waħda inkoraġġanti.



Minn naħa l-oħra, fl-istess jum, it-Tim tal-Futbol tan-nisa tal-Korp tal-Pulizija reġa' ngħaqad u lagħab kontra t-timijiet tal-Forzi Armati ta' Malta. Ir-riżultat bla dubju mar favur it-Tim tal-Armata ta' Malta li huwa magħmul minn plejers li jilagħbu fit-Tim Nazzjonali ta' Malta. Ta' min jgħid, li t-Tim tal-Korp kien ilu nieqes milli jikkompeti u għalkemm kien fuq in-naħa telliefa, xorta jibqa' spazju li fil-futur ikompli jissaħħaħ u jilgħab logħbiet oħra kompetittivi fejn ikun mistieden li jieħu sehem. Nirringrazzjaw għal din l-inizjattiva lil dawk kollha li ngħaqdu sabiex dan it-Tim jerġa' jkun realtà.

### Attivitajiet Sportivi Organizzati mill-Kumitat Sportiv, b'differenza - *Badger Karting u Bowling*

#### *Badger Karting - Go Carts*

Għall-ewwel darba, il-Kumitat Sportiv organizza attività sportiva b'differenza. Wara li saru kuntatti mal-*Badger Raceway* ta' Ta' Qali, din l-attività saret realtà wara xi diffikultajiet li ma kienx hemm kontroll fuqhom.

In-numru ta' parteċipanti laħaq in-numru ta' erbgħa u erbgħin (44) fejn ikkompetew kontra xulxin f'atmosfera sportiva u ħbiberija kbira li serviet ukoll bħala attività soċjali.

It-tellieqa ġiet maqsuma f'żewġ sessjonijiet. L-ewwel parti kienet ta' kwalifikazzjoni fejn kull parteċipant saq il-*go cart* għal tmien minuti sħaħ u l-aħjar ħin individwali kien irrekordjat sabiex sussegwentement kienu kklassifikati għat-tieni taqsima ta' tiġrijiet kontra dawk il-parteċipanti li ġabu l-istess ħin u/jew ħin qrib ta' xulxin.

Fil-fatt, it-tieni parti kienet tellieqa fejn ġew imqassma f'ħames (5) kategoriji bi gruppi ta' disa' (9) parteċipanti skont kif ġew fil-ħinijiet ta' kwalifikazzjoni. Ir-riżultati finali kienu s-segwenti:-

<u>Kategorija 5</u>

Rebbieħ: PC 941 Ryan Agius (6APd);
Tieni post: PC 1329 Kevin Schembri (2Pd);
Tielet post: PC 733 Leander Spiteri;

<u>Kategorija 4</u>

Rebbieħ: Is-Sur Roderick Sammut;
Tieni post: PC 881 Nicholas Caruana (5Pd);
Tielet post: PC 803 Andrew Pullicino (6APd);



<u>Kategorija 3</u>

Rebbieħ: PC 517 Neil Sammut;
Tieni post: PC 403 Kurt Micallef (2Pd);
Tielet post: Spettur Anzjan Raymond Aquilina (AMLU);

<u>Kategorija 2</u>

Rebbieħ: PC 191 Alan Sammut (6Apd);
Tieni post: PC 1490 Joseph Mallia (9pd);
Tielet post: PC 1566 Johann Borg (Traffic);

<u>Kategorija 1 (L-aqwa kategorija)</u>

Rebbieħ: PC 1431 William Galea (RIU);
Tieni post: PC 123 Roderick Vassallo (RIU);
Tielet post: PS 691 Juan Mula Debono (RIU).



Il-Kumitat Sportiv ma setax jagħmel dan kollu jekk mhux bl-għajnuna tal-*Badger Raceway* illi raw kif għamlu u pprovdew l-aqwa professjonalità u sigurtà għal din l-okkażjoni li żgur mhux ser tkun tal-aħħar. Fil-futur qrib, il-Kumitat ser jerġa' jorganizza din l-attività imma hu maħsub li tkun waħda mifruxa iktar u sservi għal sfidi ġodda. Aktar minn hekk, il-Kumitat iħeġġeġ sabiex kull membru jgħaddi s-suġġerimenti tiegħu biex titjieb l-organizzazzjoni u barra li huwa mistieden li jikkuntattja lil xi membri tal-Kumitat Sportiv, jista' wkoll jagħmel kuntatt ma' PS Gilbert Lia li huwa membru tal-Kumitat, u/jew kif iħossu komdu.

## Turnament tal-*Bowling* - Ġewwa l-Eden Super Bowl Complex, San Ġiljan

Din hija attività oħra ġdida li saret għall-ewwel darba wara li kien hemm interess għaliha.

Fil-fatt, nhar l-24 ta' Ottubru 2017 ġiet organizzata edizzjoni ta' *Bowling Tournament* għall-membri kollha tal-Korp tal-Pulizija. Il-kompetizzjoni ġiet organizzata ġewwa l-kumpless Eden Super Bowl f'San Ġiljan. F'din l-edizzjoni ppparteċipaw erbgħa u għoxrin (24) membru mill-Korp tal-Pulizija li huma stazzjonati f'diversi sezzjonijiet u distretti. F'din l-attività, il-parteċipanti kollha ġew maqsuma f'erba' (4) gruppi u kull grupp kien jikkonsisti minn sitt (6) parteċipanti. L-erba' gruppi ġew imbagħad imqassma f'erba' (4) *lanes* u kull parteċipant kien meħtieġ li jitfa' erbgħin (40) tefgħa u għal kull tefgħa l-parteċipanti bdew jingħataw il-punti korrispondenti.

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

Kif kulħadd għamel l-erbgħin (40) tefgħa, ingħaddu l-punti ta' kull parteċipant u wara ħarġet il-klassifika ġenerali. L-ewwel tmien (8) parteċipanti li ġabu l-iżjed punti ħadu sehem fil-finali. Kull finalist kellu għoxrin (20) tefgħa u fl-aħħar tal-finali ħareġ ir-riżultat tal-aqwa tliet (3) parteċipanti.





Fl-ewwel post spiċċa PS 279 Kevin Gauci, stazzjonat l-RIU li ġab 143 punt, fit-tieni post ikklassifika PS 845 Ian Vella stazzjonat l-Għassa tal-Mosta li ġab 140 punt u fit-tielet post ġie PS 1122 Arthur Rizzo stazzjonat l-Għassa ta' Bormla li ġab 117-il punt.

Jirriżulta li l-attività kienet waħda ta' suċċess tant illi l-parteċipanti kollha qablu li għandha terġa' ssir fix-xhur li ġejjin u huma lesti li jħeġġu membri oħra jiġu jipparteċipaw.

Il-Kumitat Sportiv, barra li jirringrazzja lil dawk kollha li pparteċipaw u taw is-support kollu sabiex din l-attività kienet waħda ta' suċċess, jidher ċar li l-Kumitat iħoss li għandu jerġa' jorganizza din l-attività fil-futur u għaldaqstant iħeġġeġ membri oħra ġodda sabiex jipparteċipaw. Il-Kumitat jilqa' s-suġġerimenti għall-organizzazzjoni aħjar u barra li huwa mistieden li jikkuntattja lill-membri tal-Kumitat Sportiv, jista' wkoll jagħmel kuntatt ma' PS 845 Ian Vella li huwa membru tal-Kumitat u/jew kif iħossu komdu.

## Attivitajiet ta' kull sena - Turnament tal-Futbol Intern u *POLRUN III Edition*

### Turnament Intern tal-Futbol

Bħas-snin preċedenti, il-Kumitat Sportiv ser jerġa' jorganizza t-turnament tal-Futbol Intern jiġifieri turnament *5-a-side* bejn id-Distretti u s-Sezzjonijiet tal-Korp tal-Pulizija. Dan it-turnament huwa wieħed mistenni ħafna u jkun wieħed kompetittiv ħafna, dejjem f'atmosfera sportiva. Għal din l-edizzjoni hemm diversi timijiet li ser jieħdu sehem u jalla l-aqwa tim jirbaħ.

### *POLRUN III Edition* – 26 ta' Diċembru 2017

Aktar minn hekk, ser terġa' ssir l-imsejħa POLRUN, il-ġirja ta' 5K ġewwa Triq il-Kosta, nhar is-26 ta' Diċembru 2017. Bħalma kulħadd jaf din saret ferm popolari fejn fiha l-pubbliku inġenerali jieħu sehem sabiex jinġabru l-flus li wara jingħataw lill-*Community Chest Fund*. Kull parteċipant jingħata tifkira tal-parteċipazzjoni u r-rebbieħa jingħataw it-trofew skont il-kategorija. Għal din l-attività, il-President ta' Malta, is-Sinjura Marie Louise Coleiro Preca tkun mistiedna biex tgħid kelmtejn tal-okkażjoni u tqassam it-trofew lir-rebbieħa fil-preżenza tal-Kummissarju tal-Pulizija.



### Kummenti Ġenerali

Bħalma ħafna jafu u bħalma ħafna ma jafux, il-Kumitat Sportiv jixtieq jagħti tagħrif rigward it-tisbiħ u l-immodernizzar tal-*Other Ranks Games Room*. Tajjeb li wieħed ikun jaf, kemm dawk li jersqu lejn il-Kwartieri Ġenerali u għal dawk li ftit li xejn ikunu hawn, li x-xogħlijiet jinsabu fi stadju avvanzat u miexi kif mistenni. Jista' jkun li meta wieħed jerġa' jaqra l-paġna sportiva fl-edizzjoni suċċessiva, l-*Other Ranks Games Room*, tkun inawgurata u miftuħa biex tkun tista' tintuża mill-Membri kollha tal-Korp tal-Pulizija.

Barra minn dan kollu, il-Kumitat Sportiv jixtieq jawgura l-Festi t-Tajba, saħħa u hena lil kull membru, inti fejn int. Fi żmien ta' festi huwa ssuġġerit li jinstab mument ta' riflessjoni u wieħed jifhem li l-mibegħda u l-għira ma twassal imkien ħlief għal firda. Ejjew inkunu responsabbli u kull wieħed u waħda minnha jagħmel ir-riflessjonijiet tiegħu u jara x'jista' jtejjeb għall-aħjar biex ngħixu ħajja aktar hienja, responsabbli u nneħħu dak li jifridna.

Bħal dejjem, il-Kumitat Sportiv jirringrazzja lill-membri kollha li jieħdu sehem fl-attivitajiet li jiġu organizzati u aktar minn hekk jirringrazzja lill-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur Lawrence Cutajar li dejjem ikun minn ta' quddiem li jħeġġeġ u japprova l-organizzazzjoni ta' dawn l-attivitajiet sportivi.

Insellmulkom

mpsc.police@gov.mt

# AWGURI

Il-Membri tal-Kumitat Sportiv jieħdu l-opportunità li jagħtu x-xewqat sbieħ ta' Milied Hieni u Sena Aħjar, lil kull membru tal-Korp kif ukoll lill-familjari tagħhom, li tant u tant jagħmlu sagrifiċċji tul is-sena kollha.



INTENTIONALLY LEFT BLANK

# Patruni u Protetturi tal-Pulizija

mis-Surġent-Maġġur 1133 Joseph Borg - Kwartieri Ġenerali

Diversi korpi tal-Pulizija f'ċertu postijiet tal-Punent kif ukoll fl-Amerika Latina jikkommemoraw il-festa ta' San Mikiel jew ta' San Bastjan, bħala l-patruni u l-protetturi ewlenin tagħhom. Għar-rigward ta' San Bastjan Martri; dan il-qaddis li kien Ċenturjun Ruman rispettat fil-Pretorja, ingħata wkoll il-martirju waqt il-persikuzzjoni tal-Insara fi żmien l-Imperatur Deokleżjanu. Kien ġie pproklamat mill-Papa Piju XII fl-1950 bħala l-protettur tal-Pulizija Taljana 'Vigili Urbani'. Wara din il-proklama diversi korpi tal-Pulizija għamlu huma wkoll dan il-qaddis bħala patrun u protettur tal-għaqda tagħhom. Dwar San Mikiel, li huwa wieħed mit-tliet Arkanġli ma' San Gabriel u San Rafel; narawh fl-ikonografija qed jitqagħbad u jniffed lix-xitan, is-sors ta' kull ħażen. L-immaġni fl-istampa għandha rabta wkoll mal-viżjoni li kellu l-Papa Ljun XIII, nhar it-13 t'Ottubru tal-1884 meta kien sema'



konverżazzjoni li x-xitan kellu ma' Kristu dwar li kien qiegħed jaħdem sfiq sabiex jeqridlu dak kollu li Hu bena.

joseph.q.borg@gov.mt

# INTENTIONALLY LEFT BLANK

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

# International Police Association - Malta

Joseph Borda - Secretary General

## International Police Association 62nd World Congress 2017, Bulgaria

This year's World Congress was held in Albena, Bulgaria, between the 19th and 24th September. There were over 150 delegates from 68 countries. IPA Malta Section was represented by the Secretary General, yours truly.



On arriving in Varna, I met with a member of IPA Bulgaria who welcomed me and later took me to the hotel.

The official opening of the Congress was held on Wednesday by the International President Pierre Martin Moulin. There were also welcoming speeches by the Minister of the Interior and the President of IPA Bulgaria, Zinaida Lyubenova Grantcheva. During his speech, the IPA President congratulated the new Sections in foundation namely Columbia, Uzbekistan, Albania and Georgia.

On Thursday morning, Gal Sharon reported on her Commission events, it was reported that Slovakia won the sports award for 2016 and the International Youths Gathering in South Africa, where 21 sections and 40 youths participated. Further events included the Hosting Seminar in Romania and the International Youth Gathering which will be held in the U.K. next year.

Presentations were delivered regarding Gimborn by Eugene Thomas and May Britt Rinaldo. I was very happy to learn that Mark Camilleri won an Arthur Troop Scholarship for 2018 . Well done Mark!!
A Financial Report by the International Treasurer Romain Miny assisted by Wolfgang Gabrutsch was also presented.

A motion to lift a suspension ban on the Sections of Mozambique and Mexico were approved, together with a motion to remove the Council of Europe from the IPA statute.

On Friday, numerous presentations were delivered by a wide variety of Sections, these included the UK Section which is to hold the IYG in Robin Hood County in 2018 and the Young Officers Seminar in Scotland in 2019, Section Croatia which will hold the IPA World Congress in 2021, Section Sri Lanka which intends to hold the Young Police Officers Seminar in 2021 and many more.

On Saturday we were all taken on a coach trip to the historic town of Nessebar .




Later in the evening we were invited to a Gala Dinner. A number of presentations of various awards and the handing over of the IPA Flag to the Netherlands Section, where the 2018 World Congress will be held, took place.

Special thanks goes to Section Bulgaria for their organization and the hospitality they provided to all of us it was truly a special week. Servo per Amikeco

## Foreign Visitors

During the month of October we had Rodney Carlton from IPA Canada who was accompanied by his wife Kim.



They were met by the Secretary General Joseph Borda and were shown around Valletta. Later we went in a local pub for a few beers !!.

After, we paid a visit to the Malta Police and Crime Museums at Police HQ.

## 2018 Membership Renewal

Membership renewal can be made at IPA Office, Menqa, every Monday from 9.00 am to 12.00 noon or at Insp. Neville Mercieca's Office at Police HQ

## Christmas Greeting

The President of IPA Malta Section and the Committee Members would like to wish all our members and readers of this magazine, a Happy Christmas and a Happy New Year.

## Correspondence

All correspondence should be addressed to the following e-mail: ipamalta@gmail.com

## Avviż lill-PENSJONANTI kollha dwar il-Magazin 'Il-Pulizija'

Ma' din il-ħarġa qegħdin nerġu' nibgħatulkom din il-formola sabiex jekk tixtiequ li tibqgħu tirċievu l-magazin 'Il-Pulizija', timlewha u tibgħatuha l-uffiċju tas- CMRU, Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. Dan l-avviż ma jgħoddx għal dawk il-pensjonanti li diġa' mlew u bagħtulna l-formola fl-edizzjoni ta' Settembru 2017.

Dawk il-formoli li ma jaslulniex lura skont kif spjegat, jitqiesu bħala 'li l-individwu m'għadux aktar interessat li jibqa' jirċevih'.

GRAZZI TAL-KOOPERAZZJONI TAGĦKOM.

Rank u/jew numru: EX-________________________________

Numru tal-karta tal-identita': ________________________

Isem u Kunjon: ________________________________________________

Indirizz:

________________________________________________

________________________________________________

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

# Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija

Dear Sir,

It is my pleasure to inform you about the quick and effective action taken today by the police in assisting one of our American officers to find a lost bag containing important documents and personal items.

The bag also containing a cellphone was lost in Sliema and tracked in Gozo. PC1318 William Joseph Grech assisted us from Rabat (Malta) police station and contacted his colleagues in Gozo.

A special mention is due to PS698 Shawn Tabone and PC1318 Stephen Muscat of Victoria Police Station who immediately sprang into action and proceeded to find the missing bag.

Their timely response was rewarded as the bag was found with nothing missing.

Thank you,
Respectfully,

---

Dear all,

Please convey my gratitude to all the members of staff who yesterday responded to the Burmarrad Mini Bus incident (both on site and in-hospital). We should all be proud of what we managed to achieve and of the level of care that was provided to the patients. I am convinced that although this experience was a sour one for the kids and their relatives, we made a significant difference in the outcome and they surely appreciate the care that each and everyone of you provided.

Rgds

Michael

Dr Michael Spiteri MD MRCSEd DipIMC RCSEd EMDM
Clinical Chairperson, Emergency Department
Consultant Emergency Department
Clinical Lead, Major Incident Policy, Planning and Preparedness

---

PS 1437

I would like to take the time to thank a Police Officer and would be grateful if he was recognised for it.

Last Thursday or Friday (Absolutely exhausted so can't recall the exact day) myself and my family who were over for a weeks holiday went to Sofra in Msida for lunch. My niece was a bit restless and in a nut shell winding her parents up... I noticed a Police motorcyclist pull up, and as we all do, I said "if you don't behave the police man will give you a row" she turned around and the police officer caught her and gave her a wave and she waved back with a smile... a few minutes later he came over to where we were sitting and handed my niece a small black box, inside was a key ring with the Maltese flag on it and she was overjoyed.

I have to admit, I have never experienced such a nice gesture in the whole 7 years of living here from anyone, let alone a Policeman.

We were all so greatful for the kindness and Millie was so excited to get home and FaceTime her Nana and show what she got.

Sadly I never got the officers name but with the power of Facebook and posting a message on 'Are You Being Served' yesterday evening, thankfully someone seen it who knew him and made him aware and he contacted me this evening.

---

I would like to Thank Qawra police station and its officers. They have been absolutely fab with regards to an incident at my child's school. They have also notified the education dept on our behalf with out being asked too. We found them efficient, attentive and sensitive to our child's needs despite being extremely busy with far more serious things to deal with. They offered support advise in a very difficult situation. A big thumbs up to the force!

---

Message: During our first visit to Malta on the 02.01.2017, we were impressed by the level of public service we encounter. We arrived in the airport hungry and tired, it was late in the evening, we had no inkling on where we needed to be, or where our hotel was based, we approached some officers on our drive late at night, bearing in mind we were lost at this point, Pc 691 Juan Mula DeBono, Pc 123 Rodric Vassallo and PC 1391 Matthew Camilleri R.I.U. Section. They appeared friendly and easy to approach, we were miles away from our hotel and they took the time out to escort us to where we needed to be! They were so friendly and we were very impressed by their level of courtesy and professionalism the fact they took the time out to take us to our hotel! I just want to convey my gratitude and inform you on how grateful we are for the service! These boys were fantastic and full of manners and I hope to be visiting your wonderful country if all the officers are like this, we felt secure on our visit, knowing that you have such wonderful staff working for you.
Thank you.

---

M9411

Lill-korp tal-pulizija,

Jiena tfajla waqaft bil-karozza fid-dlam ċappa il-Manikata. Kont ilji nistenna towing sagħtejn. Kont ġo triq dejqa, fejn karozzi bdew għaddejjin nkaxxati miegħi. Il-kas sar li kont ġejja minn triq dejqa ħafna fil-bidu tal-Manikata, mill-oppożizzjoni tiegħi kienet ġejja vettura fejn din flok waqfet baqgħet dieħla għal ġo fija. Jien biex niskansa l-inċident ġbidt l-isteering lejn in-naħa tiegħi u fqajt it-tire ġo ġebla. Tant kien gravi li ma stajtx insuq. Alla bagħat tliet pulizija li kienu għaddejjin minn hemm. Jien qed nikteb din l-ittra biex nirringrazzja lil PS 1231, PC 316 u lil PC 1418 li huma parti mill-iskwadra ALE, li dawn waqfu biex jagħtuni l-għajnuna. Għodda ma kellhiex, huma rnexxielhom jiddubaw l-għodda u bidluwli it-tajer. Mhux hekk biss talli waqatli l-batterija tal-karrozza u rnexxielhom jistartjawili. Nixtieq ngħidilhom grazzi mill-qalb tal-għajnuna li tawni u proset ta xogħolhom. Jekk jogħġobkom selluli għalihom u għidilhom grazzi mill-qalb.

# Malta Association of Retired Police Officers

eks-Surġent u Teżorier Joe Borda (M.A.R.P.O.)

## Laqgħa mal-Ministru Michael Falzon

Wara laqgħa li kellna mal-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali Michael Farrugia, dehrilna li kellna nagħmlu laqgħa mal-Ministru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali Michael Falzon, kif fil-fatt sar nhar il-Ħamis, fit-18 ta' Ottubru. Is-Segretarju Ray Zammit flimkien ma' Joe Borda u Martin Pace attendew għal din il-laqgħa fejn flimkien mal-Ministru ddiskutejna s-suġġett dwar il-pensjoni.

Kienet laqgħa informattiva u kordjali ħafna. Flimkien mal-Ministru tkellimna dwar kif qed tiġi affettwata l-pensjoni wara kull baġit. Sħaqna li din qed tibqa' ma tiżdiedx b'detriment għall-pensjonant. Iddiskutejna wkoll il-mekkaniżmu adottat sal-lum dwar kif tkun stabbilita l-pensjoni kontributorja u kif wieħed jista' jibbenifika aħjar meta jibqa' jaħdem wara li jirtira mill-Korp.



Waqt l-imsemmija laqgħa ġejna infurmati li dan il-mekkaniżmu jista' jinbidel u b'riżultat ta' dan, is-sistema ta' kif tinħadem il-pensjoni tista' tkun ta' aktar beneficċju.

Il-Ministru aċċetta t-talba tagħna sabiex uffiċjal mill-Ministeru jattendi għal-laqgħa ta' informazzjoni u diskussjoni dwar il-pensjonijiet li beħsiebna norganizzaw dalwaqt. Dettalji dwar din il-laqgħa ser jingħataw aktar 'il quddiem.

## Poeżija

Illum għandna poeżija b'vers ħieles miktuba minn membru ta' din l-għaqda, l-eks-Surġent Maġġur 524 Paul Cassar, li titratta dwar il-ħajja tal-pulizija. Poeżija sabiħa ħafna u ċert li ser togħġobkom. Is-Sur Cassar huwa wkoll l-awtur tar-rumanz pulizjesk li jġib l-isem "Għajn għal Għajn, Sinna għal Sinna".

### Min Jien

Jien hu dak li ħaddieħor ma jridx li jkun  
U mmur fejn ħaddieħor jibża' li jersaq  
Nagħmel xogħol li ħaddieħor ma jasalx li jagħmel  
U dan nagħmlu mingħajr biża', tfixkil jew favuri

Ma nfittixx unuri jew medalji  
Iżda s-sewwa, il-ħaqq u l-ġustizzja  
Ma rrid xejn mingħand dawk li mhuma kapaċi jagħtu xejn  
U naċċetta l-ħsieb li nista' nispiċċa waħdi, u mċanfar jekk ma jirnexxilix nagħmel dmiri  
Ħarist kemm-il darba f'għajnejn il-mewt u l-biża'  
Ħassejt kemm-il darba l-bard u l-kesħa xxoqq il-għadam  
Ħassejt ukoll pjaċir bit-togħma ħelwa ta' ftit ħin ta' mħabba  
U bkejt, sofrejt u ttamajt

Fuq kollox għext żminijiet li ħaddieħor jgħid li aħjar jiġu minsijin  
U meta nħares lura lejn ħajti u għadmi jfittex il-mistrieħ  
Nista' għall-anqas, b'unur ngħid 'Jien kburi li darba kont Pulizija'

Paul Cassar

## Ċerimonja fuq l-Oqbra tal-Pulizija

Il-Ħadd 5 ta' Novembru, uffiċjali tal-Kunsill attendew il-quddiesa għar-ruħ il-membri mejta tal-Korp. Din il-quddiesa saret fil-kappella taċ-ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata.

Fr Ray Bonnici, il-Kappillan tal-Korp, qaddes il-quddiesa. Preżenti waqt il-quddiesa kien hemm il-Kummissarju Lawrence Cutajar, il-Ministru Dr Michael Farrugia, is-CEO s-Sur Gafà u uffiċjali oħra għolja tal-Korp.

Wara l-quddiesa saret iċ-ċerimonja tat-tberik tal-oqbra, fejn wara tpoġġew għadd ta' kuruni tal-fjuri minn diversi għaqdiet, fosthom il-MARPO.

Fis-16 ta' Novembru saret ċerimonja simili fuq l-oqbra tal-Korp li huma midfuna f'Għawdex.



## Riċeviment Annwali tal-Kummissarju

Nixtiequ ninfurmaw lill-membri tal-Għaqda li r-riċeviment annwali għas-sena d-dieħla ser isir f'dawn id-dati:
Malta - Il-Ħadd 7 ta' Jannar 2018 fl-10.00 am
Għawdex - Il-Ġimgħa 5 ta' Jannar 2018 fis-7.30pm

# Mill-Imgħoddi

Bosta drabi ssemma l-Kummissarju Bamford li huwa magħruf għar-riformi li għamel fil-Pulizija. Fir-ritratt li qed nirriproduċu llum, jidher Bamford bilqiegħda fin-nofs, flimkien mal-fizzjali tal-Korp. Dan ir-ritratt ittieħed fl-1919 meta kien sar Kummissarju.



**Miżata:** Issa li riesaq iż-żmien biex titħallas il-miżata tal-Għaqda, inħeġġeġ lill-membri biex jaġġustaw il-ħlas dovut ta' €5 fis-sena. Il-ħlas jista' jsir b'ċekk pagabbli lill-MARPO u jimpustawh f'dan l-indirizz:
MARPO P.O. Box 36, Birkirkara
filwaqt li f'Għawdex għandu jintbagħat ġewwa l-uffiċċju tal-Għassa tar-Rabat. L-irċevuta tiġi mibgħuta bil-posta.



## XEWQAT SBIEĦ

*Il-President, l-Uffiċjali u l-Membri tal-Kunsill jixtiequ l-isbaħ xewqat għall-Milied u s-Sena l-Ġdida lill-membri u lill-familji tagħkom, kif ukoll lill-qarrejja kollha ta' dan il-magażin.*





Ex PC 1360 Alfred Borg
1948 - 2017
1976 - 1981



PC 238 Lincoln Galea
1985 – 2017
2010 – 2017
(serving)



Ex PC 994 Carmelo Calleja
1933 – 2017
1952 – 1977



Ex PS 54 & 528 Francis Abela
1934 – 2017
1957 – 1982 & 1987 - 1995



Ex PC 259 Joseph Buttigieg
1923 – 2017
1941 – 1968



Ex PC 1058 Nicholas Zammit
1934 – 2017
1957 – 1981



Ex Insp. Alfred Debattista
1937 – 2017
1956 – 1981



Ex PC 331 Giosafatte Galea
1928 - 2016
1953 - 1976

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

INTENTIONALLY
LEFT BLANK